
MONS SION
IN JERUSALEM



Sena Hamsa JANNAR - MARZU, 1958 Ghadd 1



# LEHEN L-ART IMQADDSA

Mitbugh fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Il-Ħames Sena — JANNAR - MARZU, 1959 — Għadd 1


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Iftaħ Għajnejk! Jaqbillek! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 1

### L-Ewwel Taqsima — DAWL

L-Ewwel Festa tal-Milied (L.M.) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Is-Sewwa u l-Kotba tal-Bibbja (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... ... 5

Il-Baħar ta' Tabarija (Ben-Jeħuża) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8

Il-Madonna tal-Ħalib (Fra Lattanzju, O.F.M.) ... ... ... ... ... 11

Il-Friefet (Ġuża) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 14

Is-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 15

### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Diffikultajiet fl-Evanġelju (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... 18

In-Nisa ta' l-Għarab (Macrino) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19

Il-Għassiesa ta' l-Imkejjen Imqaddsa (D. Ġużepp Cauchi) ... ... ... ... 22

L-Imħatra fuq il-Bibbja (Ben-Jamin) ... ... ... ... ... ... ... ... 25

Tibdil il-Għassa — Piju XII u Ġwanni XXIII (Fra Pin, O.F.M.) ... ... 27

Għid iż-Żebbuġ f'Ġerusalem (Fra Ġakkin) ... ... ... ... ... ... ... 29

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 31


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.

Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.

Kummisserija tal-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt

# IFTAĦ GĦAJNEJK! JAQBILLEK!

*Il-għodda tal-ikel, fuq il-mejda, għad li bajda u tilma' bħal fidda u jgħidulha "fidda", ma hix fidda; il-ħwietem u l-imsielet ta' Fuq il-Monti, għad li sofor u jleqqu bħad-deheb, u jgħidulhom "deheb", ma humiex deheb; il-ward ta' ġewwa l-bozoz, għad li aħmar u jlellex bħal ward, u jgħidulu "ward", ma huwiex ward. Għax fid-dinja hawn il-wiri b'ieħor. Fid-dinja hawn il-qerq. Il-ħaġa ma hix dak li tidher, imma dak li hi.*

*U fid-dinja l-bniedem, m'hux biss jista' jqarraq b'għajru, billi jurih ħaġa b'oħra, imma saħansitra jista' jqarraq bih in-nifsu. Billi l-bniedem magħmul bi tnejn, ġisem u ħsieb, u qiegħed fid-dinja, f'għamar il-ġisem, dal-ġisem drabi jqarraq bil-ħsieb.*

*Inti tgħid li int Nisrani, u fejn jaqbillek u fejn ma tbatix, iġġib ruħek ta' Nisrani, imma inti Nisrani ta' bil-ħaqq? Temmen tas-sew li wara din id-dinja hemm dinja oħra? Temmen tas-sew li wara l-mewt trid tidher quddiem Imħallef u tagħti ħaqq ta' kull ma għamilt? Jew tgħid li temmen, u minn għalik temmen, imma qiegħed tqarraq bik in-nifsek, għax fir-rokna l-moħbija ta' qalbek, jekk tidħol fiha, issib li ma temmenx?*

*Hawn għidut sabiħ u jidher tajjeb, imma għidut qarrieqi, "Ħadd ma mar u ġie!" u hawn għadd kbir ta' nies, li bla ma jafu, u bla ma jaħsbu, qegħdin jgħixu fuqu. Huwa qarrieq, għax la darba ħadd ma mar u ġie, kif ma tistax taf li "hemm" dinja oħra anqas ma tista' taf li "m'hemmx".*

*Ma tistax taf li hemm. Imma taf li l-ħajja tad-dinja tintemm, għax tara kull jum in-nies imutu ma' dwarek. U minn dawk li mietu, ħadd ma raġa' ġie. Il-ħajja ta ħamsin, jew sittin, jew l-aktar mitt sena; imma l-mewt hija għall-eternità. X'sa jiġri minnek, mela ja iblah, jekk wara ftit snin ta' tgawdija, fid-dinja, issib ruħek fit-tbatija għall-eternità?*

*Agħmel mela, tal-anqas, bħal ma jagħmlu n-nies tad-dinja meta jkunu sa jixtru xi għalqa jew xi dar. Ifittxu, u jqabbdu 'l min ifittex biex jaraw jekk hemmx xi dejn fuqha għal li jista' jkun. U jdumu jfittxu, qabel joħorġu flushom sa kemm iħossu ruħhom imħaqqin li m'humiex sa jitqarrqu. Fittex, mela inti wkoll, qabel taħtfek il-mewt, li jewilla ma ssibx ruħek mil-għub fid-dinja l-oħra!*

*Li għallem il-ħajja Nisranija huwa Ġesù, dak li żamm ruħu bl-ogħla awtorità, b'Infallibli, b'Iben Wieħed t'Alla. Qiegħed tistudjah tajjeb lil Ġesù? Xi tgħid għalih minnek in-nifsek? X'għandek tiegħu fir-rokna l-moħbija ta' qalbek? Temmen, minn kliemu u minn egħmilu, li hu Iben Alla ta' bil-ħaqq? Għandek fuqu twemmin minn tiegħek, jew biss dak li ssellift minn għand l-oħrajn?*

*IFTAĦ GĦAJNEJK, mela, JAQBILLEK! U iftaħ għajnejk sewwa: Dak li ssellift minn għand ħadd ieħor, ma hux tiegħek, għax m'hux inti ħdimt għalih. Ħadd ma mar u ġie, u għal hekk jista' jkun li hemm dinja oħra. Alla ma jridx minn għandek dak li ma tistax tagħtih, imma kull ma tista' tagħtih iridu. Xi ġrajja tal-waħx tkun għalik jekk wara l-mewt issib ruħek quddiem l-Imħallef! Quddiem Ġesù, dak li għalik miet imsallab! Jekk jgħidlek dak il-kliem tal-biża', "Int fid-dinja ma tajtx każ tiegħi. Inti lili ma tafnix, u anqas jiena ma naf lilek. Itbiegħed minni, ja għammiel id-dnewwa!"*

ID-DIREZZJONI.

# L-EWWEL FESTA TAL-MILIED

Fil-Galilija, fuq ir-riħ tal-wita' l-kbira ta' Esdrelon, bejn l-iġbla, kien hemm naqra ta' raħal. Ma kienx raħal kif nifhmu l-lum, għax kien magħmul minn biċċa bini għolja, imrebbgħa, bħal fortizza, li ġewwa fiha kienu jgħammru, man-nisa tagħhom u wliedhom, xi għassiesa, imħallsin mill-Ħakma Rumana, biex iħarsu mill-ħallelin lill-bdiewa ta' dawk in-naħiet. Madwar din il-fortizza jew għassa, il-bdiewa kienu sewwew xi għerien fil-ġnub tal-għoljiet billi bnew kmamar fuq id-daħla tagħhom u kienu filgħaxija, wara x-xogħol ta' bin-nhar jingabru ma' nieshom hemmhekk.

Fost dawn il-bdiewa kien hemm raġel minn Betlehem, jismu Jusef. Dan ma kienx bidwi, iżda kien ta' sengħa kbira fix-xogħol tal-għodda tal-bdiewa. L-imħaret u x-xtabi li kien jagħmel dan, ma kienx hemm kifhom. U ma kienx jieħu għali ta' xogħlu, u qatt ma jgemgem jekk dak li jkun iħallsu meta u kif irid. Kien mar hemm għallkwiet qalb dawk il-bdiewa, għax innaħa ta' Ġerusalem, fejn hija Betlehem, dejjem bit-twegħir.

Dana Jusef kellu miegħu tfajla, jisimha Mirjam, li kien ħadha b'għarusa b'amar tal-Qassis il-Kbir ta' Ġerusalem. Din ftit jew xejn kienet toħroġ mid-dar.

Kienet mela lejla waħda ftit qabel inżul ix-xemx meta l-bdiewa ta' Nasra, għax hekk kien jismu dak ir-raħal, kienu għadhom kemm reggħu lura lejn id-dar mix-xogħol fir-raba' tagħhom, li wieħed mill-għassiesa tala' fuq il-borġ, jew torri tal-għassa tagħhom u kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, beda jniedi b'leħen għoli l-aħbar li kienet ħarġet minn Kirinu, il-Ħakem Ruman tas-Surija. "Isimgħu ja nies! Isimgħu ja nies!" beda jgħid. "Dawk kollha li mhumiex minn hawn, għandhom imorru jinkitbu, kulħadd fil-belt tiegħu, għax il-Ħakem irid jgħodd in-nies. Il-kitba tibda għoxrin jum oħra, fil-qamar il-ġdid li ġej, u ddum xahar sħiħ. Min hu minn hawn jinkiteb hawn!" U reġa': "Isimgħu ja nies! Kull min ma hux minn hawn irid imur jinkiteb fil-belt tiegħu, l-ewwel tax-xahar li ġej" U baqa' sejjer hekk, igħid u jerġa' jgħid għal kemm-il darba wara xulxin.

Jusef, li kien barra u sama' l-aħbar, daħal ġewwa. "Mirjam", qal lill-għarusa tiegħu. "Ix-xahar id-dieħel sa jkolli mmur Betlehem bla ħsieb. Inti aħjar tibqa' hawnhekk. Hawn din ġaritna mara sewwa. Ngħidilha tieħu ħsiebek hi!"

"Għalfejn sa tmur?" staqsietu.

"Għax Kirinu l-Ħakem irid igħodd in-nies, kulħadd fil-belt tiegħu", qalilha.

"Jeħtieg li jien niġi wkoll", qaltlu Mirjam, "għax dana hu amar Alla".

Jusef li kien jaf sewwa xi jfissru l-kelmiet ta' Mirjam meta tgħidlu "dan amar Alla", baxxa rasu u weġibha li ladarba hu hekk tmur Betlehem miegħu hija wkoll.

Mill-għada Jusef beda jħanxar il-għewwied u jobrod u jmelles u jsammar u jwaħħal biex jagħmel karettun. Fuq il-karettun waqqaf għarixa u għattiha bi qmax, jew drapp tas-suf ta' l-iġmla; u xi erbat ijiem qabel il-ħliel jew qamar ġdid, rama l-ħmara, għabba kulma kien jeħtieġ fuq il-karettun, ġewwa l-għarixa, rikkeb lil Mirjam ġewwa u saq lejn Ġerusalem.

Tlitt ijiem wara fil-għodu waslu Ġerusalem. Marru jagħmlu żjara lil Ħakel, jew Tempju, u wara nofs in-nhar telqu lejn Betlehem mill-ġdid. Waslu qabel fil-għaxija.

Ir-rajjes tas-Sinagoga ta' Beltehem kien ukoll ir-rajjes tal-belt. Wara l-bieb tiegħu kien hemm raxxa nies miġmugħa li kienu ġew minn bliet oħra biex jinkitbu hemm. Kienu jidħlu wieħed wieħed u jagħtihom kitba minn idu u jgħidilhom fejn għandhom joqġeb bil-ħerra r-rajjes. "Baqax! Jew ma' l-oħrajn fil-ħan jew ara inti fejn iddabbar rasek. X'imkien għalikom waħedkom sibu int!"

Jusef kien raġel ta' ftit kliem. "Fil-ħan ma' l-oħrajn ma noqgħodx", wieġeb b'leħen iebes. "Kollox sewwa. Nara fejn indabbar rasi jien". U kif qal dan baqa' ħiereġ 'il barra.

Jusef kif ħareġ, ittawwal fil-għarixa fuq il-karettun fejn kienet Mirjam u qalilha: "Ma għandux wisa' għalina. Im-



**It-Twelid ta' Ġesù. Ir-rgħajja, in-nisa tagħhom u wliedhom jagħmlu festa.**

għodu. Meta mess lil Jusef daħal huwa wkoll.

"Minn fejn ġejt?" staqsih ir-rajjes.

"Minn Nasra tal-Galil", wieġeb.

"Hawn daqs dawn bliet 'il din-naħa mort tgħammar il-Galil!" gemgem ir-rajjes. "Kemm nies intom?"

"S'issa tnejn, jiena u tifla. Imma dal-waqt inkunu tlieta. Għalhekk nitolbok tagħtina noqogħdu x'imkien għalina waħedna, imqar għal xi jumejn."

"Le, le, le, m'għandix wisa'! wiema tħabbilx rasek. Naf fejn hawn għar tajjeb, immorru hemmhekk". U kif qal dan, qabad ġiem il-ħmara, dawwarha u saq lejn in-niżla, wara Betlehem, qalb ir-raba', fuq ir-riħ tal-wied.

Hemm, kif tilwi lejn il-lemin, kien hemm għar kbir u kenni. Daħal fih bil-karettun b'kollox, għen lil Mirjam tinżel, ħatt it-tagħbija, qiegħed qabda ħuxlief ġewwa waħda mill-imxatar, ħall il-ħmara mill-karettun u rabatha fuq il-maxtura u ħareġ ġieb satal ilma

minn ġo bir. Xegħel il-musbieħ u hejjew ruħhom għal-lejl.

* * *

Il-lejl kien sabiħ u s-sema ċar u l-kwiekeb jiddu. Fewġa ħafifa kienet tilgħab mas-siġar tar-rummien u taż-żebbuġ, imma ġewwa l-wied ma kenitx tinħass. Ir-ragħajja ta' Betsahur, raħal qrib Betlehem, irġiel u subien, kienu jishru l-merħla tagħhom fil-wied, li ma jersqux lejha xi dbejjeb jew xi serraqin. Kienu kollha xi tnax. Min jitħaddet, min idoqq iż-żummara u min jgħanni minn taħt il-lsien.

F'daqqa tifel minnhom resaq lejn missieru u qallu: "Abba, fil-għar ta' Safri hemm in-nies. Hemm ara d-dawl!"

Ix-xiħ għammex għajnejh u ħares. "Iwa!" qal. U f'għamża ta' għajn ir-ragħajja kollha nġemgħu jħarsu lejn il-għar.

"Imxi mmorru naraw min hemm", amar ix-xiħ. "Ejjew miegħi, inti u int", qal lil żewġt irgiel m'ogħla hawn. "U ejjew ukoll intom iż-żewġt itfal."

Telgħu t-telgħa u waslu ħada l-għar. "Issa intom morru staqsu min hemm", qal ix-xiħ liż-żewġ subien. "Aħna nkunu għassa tagħkom barra". Is-subien resqu lejn il-għar u: "Min hawn hawn ġew?" staqsa wieħed minnhom.

"Aħna!" instama' jgħid leħen ta' raġel; u ġie Jusef bil-musbieħ mixgħul f'idu u d-dawl tiegħu jiddi fuq wiċċu daħkani. "Aħna, ġejna noqogħdu xi jumejn hawn, għax f'Betlehem ma kellhomx wisa' għalina".

"Intom min intom?" raġa' staqsa s-sabi.

"Jiena u tifla. U għandna tifel żgħir, twieled issa issa".

Ġibu ħalli naraw!" qal is-sabi l-ieħor.

"Inġibu hawn barra fir-riħ, għadu jitwieled? Idħlu arawh, hemm ġewwa l-maxtura".

Ir-ragħaj ix-xiħ u ż-żewġt irġiel l-oħra, meta semgħu dan inqalgħu minn wara l-għar u resqu huma wkoll. Jusef meta rahom xejn ma stagħġeb, għaliex kien jaf sewwa d-drawwiet ta' dawk in-naħiet. Hu daħal 'il ġewwa bil-musbieħ f'idu u għamlilhom għeliem b'idu biex jidħlu warajh.

Maġenb il-maxtura, bil-qiegħda fuq qatta ħuxlief kien hemm Mirjam. U ġewwa l-maxtura fuq qabda ħuxlief ukoll kien mimdud it-tifel, imfisqi u mgeżwer f'ħarqa tas-suf tan-nagħaġ. Mirjam, kif resqu, tbaxxiet u warrbet tarf il-ħarqa minn quddiem wiċċ it-tifel biex jarawh sewwa.

Bħal meta f'għodwa xitwija jinfetaħ is-sħab u tidher ix-xemx fl-aqwa ta' ġmielha, hekk deher mill-fetħa tal-ħarqa l-wiċċ ħelu ta' dak it-tifel żgħir. Wiċċu kien ħamrani, għajnejh miftuħa jħarsu lejn in-nies ta' quddiemu. Bexxaq kemmxejn xofftejh, donnu ried jitbissem jew igħid xi ħaġa. Ir-ragħajja tfal u ż-żgħażagħ tbissmu, imma x-xiħ baqa' sieket mibluh, u ma tkellem xejn.

"Ħija", qal ir-ragħaj ix-xiħ lil Jusef wara sikta, "kont sa nberikulek kif inhi l-għada ta' bejnietna, imma issa qiegħed naħseb li hu jrid ibierek lili. Dan ma hux tifel bħall-oħrajn. Arah iħares lejja u jidher li qiegħed jifhem x'jiena ngħidlek. Dan huwa David li twieled mill-ġdid. Għalhekk Alla bagħatkom Betlehem f'dawn il-jiem".

U kif qal hekk warrab lil sħabu fil-ġenb, qalilhom xi ħaġa f'widnejhom u dawk telqu jgħaġġlu 'l barra.

Ftit wara waslu ħafna nisa, b'sarar fuq rashom u mnajjar bl-imsiebaħ jixgħelu f'idejhom. Qiegħdu l-imsiebaħ fuq l-iħinka tal-blat u fit-toqob ġewwa

l-għar, firxu fl-art il-ħsajjar li kellhom fis-sarar tagħhom, u wara resqet l-akbar waħda minnhom ħdejn Mirjam u staqsietha: "Binti, inti x'jismek?"

"Jiena Mirjam bint Joakim", weġbitha.

"Ħalli nara t-tifel", qaltilha. U b'sengħa ta' mara refgħet it-tarbija mill-maxtura u rassitha ma' qalbha, u b'subgħajha fetħet il-ħarqa minn quddiem wiċċu. It-tifel ħares lejn wiċċ ix-xiħa b'għajnejn imgħaġġba, bexxaq xofftejh u minn taħt il-ħarqa ħareġ wejda żgħira u ħamranija, u messilha xuftejha.

Hi faqqgħet bewsa fuq dik il-wejda ċkejkna u qalet: "Subħan Alla! Irid ikellimni! U tani idu biex inbushielu. Jien qatt ma rajt trabi bħal dan! Dan xi ħaġa tas-sema! Għidilna, Mirjam, dan, it-Tifel x'ikun!"

"X'ikun jgħidilkom Hu meta jikber", wieġbet Mirjam. "Jien ngħidilkom biss li għad jagħtikom aħbar tajba. Aħbar tajba għal-Lhud. U mhux għal-Lhud biss, imma għal kulħadd".

Dak il-ħin daħlu nisa oħra, u rġiel u tfal. It-tfal kellhom ħafna friegħi tas-siġar f'idejhom li dendluhom malħitan tal-għar. L-oħrajn ġiebu żjar blinbid u żniegel biż-żbib, tamar u ftajjar tal-ħelu. Resaq ir-ragħaj ix-xiħ ta' l-ewwel ħdejn Jusef u qallu: "Jusef, ir-rajjes ta' Betlehem ma redikx, imma jiena, ir-rajjes ta' Bejt - Sahur, irridek. Niesek ma laqgħukx, imma aħna nilqgħuk b'qalbna kollha. Issa nagħmlu naqra ta' għid, għax it-twelid ta' dan it-tifel ġebilna ferħ u sliema, donnu t-twelid ta' xi sultan!"

U min ried, kiel u min ried, xorob. U n-nisa u l-bniet qagħdu bil-qiegħda madwar Mirjam u r-rġiel madwar Jusef u s-subien fin-nofs. Il-għar kien mimli bid-dawl ta' l-imsiebaħ u l-fwieħa tal-friegħi tas-siġar. Ir-rġiel bdew idoqqu ż-żmamar u l-otbla u n-nisa u l-bniet jgħannu bil-qajl u jħabbtu idejhom mad-daqqa tar-rġiel. Is-subien, fin-nofs, jiżfnu dawwara mejt, iqumu, joqogħdu, jixxejru min-naħa għall-oħra, mal-kisra tad-daqq, kif jagħmlu fil-għejjeda r-ragħajja tal-Palestina. Hekk il-għar inbidel f'genna ta' ferħ u damu sejrin hekk sas-sebħ.

U din kienet l-ewwel Festa tal-Milied.

L. M.

---

# IS-SEWWA U L-KOTBA TAL-BIBBJA

Il-Kotba Mqaddsa huma mnebbħin minn Alla, jiġifieri Alla huwa l-awtur Ewlieni tal-Kotba Mqaddsa: kull ma hemm fil-Kotba Mqaddsa kollox huwa ġej minn Alla u billi Alla la jista' jqarraq u l-anqas jitqarraq, dak kollu li jinsab fil-Kotba Mqaddsa huwa minnu, huwa veru. Barra milli dan it-tagħlim huwa konsegwenza neċessarja ta' dak li għedna fuq il-Kotba Mqaddsa, huwa wkoll domma tal-Fidi Nisranija li l-Iskrittura Mqaddsa hija minna, ma tistax titqarraq, u għal hekk dak kollu li hemm megħud fil-Kotba Mqaddsa huwa s-sewwa divina. Iżda meta wieħed jaħseb u jgħarbel sewwa l-Kotba Mqaddsa, jiltaqa' ma' daqshekk tfixkil, li l-kwistjoni jekk dak kollu li jinsab fl-Iskrittura huwiex minnu, issejħet il-Kwistjoni Biblika, jiġifieri l-aqwa kwistjoni li tinsab fuq il-Kotba **Mqaddsa**.

Billi dak kollu li jinsab fil-Bibbja huwa divin, ma nistgħux inżommu li s-sewwa tal-Bibbja hija għal xi ħwejjeġ biss, u m'hux għal kollox. Ma nist-

għux ngħidu li dawk il-ħwejjeġ li jmissu l-Fidi u l-Morali huma minnhom u dawk li jmissu l-għelm u l-istorja ma humiex: għaliex dawk il-ħwejjeġ li jmissu l-għelm u l-istorja ma humiex anqas divini minn dawk li jmissu l-Fidi u l-Morali: għal hekk dak kollu li hemm fil-Bibbja huwa divin, għaliex kollox ġej minn Alla. L-anqas nistgħu ngħidu li dawk il-ħwejjeġ li bihom u mingħajrhom l-Iskrittura tibqa' dak li hi, jistgħu ma jkunux minnhom, bħal ma huwa li l-kelb ta' Tobija beda jferfer denbu, l-**obiter dicta.** La darba dawn il-ħwejjeġ jinsabu fl-Iskrittura, għandhom 'l Alla b'Awtur tagħhom, u għal hekk ma jistgħux ma jkunux minnhom.

Iżda min-naħa l-oħra għandna nifthu għajnejna li nifhmu sewwa dak li jinsab fl-Iskrittura. Għaliex jekk aħna naħsbu li din jew dik il-ħaġa tinsab fl-Iskrittura Mqaddsa u għal hekk hija minnha, meta ta' bil-ħaqq dik il-ħaġa ma hix fl-Iskrittura Mqaddsa, għal hekk inkunu qegħdin ingħeltu, għaliex dik il-ħaġa ma tkunx fil-Kitba Mqaddsa u għal hekk tista' tkun falsa.

Qabel ma ngħidu dina l-ħaġa hija fl-Iskrittura Mqaddsa u għal hekk ma tistax ma tkunx minnha, huwa meħtieġ l-ewwel nett li nkunu mħaqqin li dik il-ħaġa tkun tas-sew fil-Bibbja. Jista' jiġri li dik il-ħaġa tkun miżjuda, u ma tkunx sehem ġenwin tal-Iskrittura u għal hekk tista' ma tkunx minnha. Huwa wkoll meħtieġ li aħna nkunu mħaqqin li t-tifsir li nkunu qegħdin nagħtu lill-Iskrittura, ikun tifsir mnnu u ġenwin; għaliex jekk aħna nkunu qegħdin nifhmu ħażin l-Iskrittura u dak li nkunu qegħdin nifhmu ma jkunx minnu, mela m'hux l-Iskrittura ma tkunx minnha, imma l-fehma tagħna.

Meta nkunu mħaqqin li dan jew dak it-test huwa tas-sew test tal-Iskrittura, u nkunu wkoll imħaqqin li t-tifsir li nkunu qegħdin nifhmu huwa tas-sew it-tifsir tal-Iskrittura u min-naħa l-oħra jidhrilna li dak it-test ma jkunx minnu; għandna nfittxu bir-reqqa kollha xi tifsira li b'mod jew ieħor teħles issewwa ta' l-Iskrittura Mqaddsa, għaliex kif għedna fuq, jekk Alla huwa l-Awtur tal-Iskrittura Mqaddsa, Alla la jista' jitqarraq u l-anqas iqarraq u għal hekk inkunu aħna li qegħdin nitqarrqu u m'hux li l-Iskrittura ma tkunx tgħid dak li hu minnu.

Sabiex nifhmu aħjar sejjer ngħaddi għal xi tixkiliet, u biex infisser ruħi sewwa nitħaddet fuq tixkiliet meħudin mix-xjenzi jew għelm, imbagħad nitħaddet minn oħrajn meħudin mill-istorja.

Hemm ħafna għidut fl-Iskrittura li ma jaqbilx ma' l-għelm; naqraw fost ħwejjeġ oħra li x-xemx titla' u tinżel, waqt li l għelm ingħidilna li ma hix ix-xemx li titla' u tinżel, imma d-dinja li ddura max-xemx. Naqraw fil-Levitku li r-ruħ tinsab fid-demm, waqt li l-għelm igħidilna li r-ruħ ma tinsabx biss fid-demm, imma fil-ġisem kollu u tagħti l-ħajja lil kull sehem tal-ġisem. Kif nistgħu aħna ngħidu lil- Iskrittura hija kollha minnha meta ma taqbilx mal qada magħruf tal-għelm?

Għal dan iwieġeb il-Papa Ljun XIII li fuq it-tagħlim ta' Santu Wistin u San Tumas, imur igħidilna li l-Iskrittura jew aħjar Ruħ il-Qodos ma kellu ebda fehma li jgħidilna l-aħħar qada tal-għelm jew xijienza, meta tħaddet magħna bħal ma jitħaddtu l-bnedmin kollha, jiġifieri kif jidher fil-ħsus tal-bnedmin, saħansitra wkoll ta' dawk li jgħaddu bħala għorrief. Ma ngħidux kull jum, li x-xemx telgħet jew li x-xemx niżlet? U b'daqs hekk inkunu qegħdin ngħidu ħażin? Ma hux tassew li f'għajnejna x-xemx tidher tielgħa u nieżla? Meta bniedem jew annimal jitlef demmu kollu, ma jmutx? U nku-

nu qegħdin ngħidu ħażin jekk ngħidu li l-ħajja hija fid-demm? Meta wieħed igħid dak li jgħid kull ħadd u l-kliem tiegħu jiftiehem sewwa u mingħajr ebda qerq, ma jkunx qiegħed igħid ħażin, u min jisimgħu jifhmu sewwa, u ma jitqarraqx. Għal hekk għandna naqraw u nifhmu l-Iskrittura bħal ma naqraw u nifhmu l-kotba l-oħra u ma nistennewx mill-Kotba Mqaddsa dak li Ruħ il-Qodos ma kellux fehma li jgħidilna. Mela f'kull xkiel li jista' jinħoloq bejn l-Iskrittura u l-għelm, għandna naraw dejjem m'hux ir-rqaqat tal-għelm jew xijenza, imma d-drawwa tat-taħdit tal-bniedem; għaliex Ruħ il-Qodos ma riedx jagħtina manwal tal-għelm, imma tħaddet magħna kif jitħaddet kull ħadd, saħansitra dawk li jgħaddu bħala għorrief, jiġifieri kif il-ħwejjeġ jidhru f'għajnejna.

Ngħaddu issa għal dawk it-tixkiliet li taqlgħalna l-istorja.

F'dawn l-aħħar żmenijiet insabu ħafna dokumenti qodma li tefgħu dawl kbir fuq dak li aħna konna nafu mill-Iskrittura biss. L-istudju tal-Arkejoloġija u tal-Istorja, u ngħidu wkoll tal-Prejistorja, urew kemm tas-sew l-Iskrittura hija ġejja minn Alla, għaliex kull ma fiha huwa tas-sew minnu, u li kieku kienet qlajja' tal-bnedmin, ħaġa minn awl id-dinja, li konna nsibu fiha ħafna għaltiet. Imma fost dawn id-dokumenti u t-tagħrif ta' l-istudji tal-Arkejoloġija u tal-Istorja, niltaqgħu xi drabi ma' xi ħaġa li ma taqbilx għal kollox ma' dak li nsibu fl-Iskrittura. Min qiegħed igħid sewwa, l-Iskrittura jew id-dokumenti l-qodma? Il-Kotba Mqaddsa, jew il-qada aħħarani tal-Arkejoloġija u tal-Istorja?

Wara li l-Papa Ljun XIII qalilna kif għandna neħilsu mit-tixkiliet li jistgħu jinqalgħu bejn l-Iskrittura u l-għelm, qal ukoll: "Ikun ta' fejda jekk b'dawn il-qjiesijiet jinqiesu wkoll dawk it-tfixkiliet li jistgħu jinħolqu f'oqsma oħra, l-aktar fl-Istorja."

Ħafna kittieba, Kattolki wkoll, laqgħu dan il-kliem tal-kbir Papa Ljun XIII b'ferħ kbir, għaliex qalu li fl-istorja wieħed jista' jgħid li l-Iskrittura ma fihiex storja minna, imma dik l-għamla ta' storja li fi żmenijiet il-kittieba kienet milqugħa minn kull ħadd. Il-kittieba tal-Kotba Mqaddsa ma tawniex l-Istorja minnha, u kif għandha tkun, imma l-Istorja kif kienu jifhmuha fi żmienhom, u għal hekk m'hux meħtieġ li tkun minnha, u meta jinqala xi xkiel, wieħed jista' malajr igħid li l-Iskrittura ma hix minnha, għaliex ma fihiex Storja kritika kif nafuha llum.

Iżda din ma kenitx il-fehma tal-Papa Ljun XIII u għal hekk il Papa Benedittu XV ikkundanna din it-tifsira u mar ifisser sewwa l-fehma tal-Papa tal-"Providentissimus Deus". Fi kliem il-Papa Benedittu XV, il-Papa Ljun XIII ma riedx jgħid ħaġ'oħra ħlief li kif it-tixkiliet bejn l-Iskrittura u l-għelm jistgħu jiġu maħlulin bil-qjies li l-Kittieba Mqaddsa ma kellhom ebda fehma li jitħaddtu kif jitlob il-għelm, imma li jgħidu kollox bħal ma dari jgħiduh il-bnedmin l-oħra mingħajr ma jonqsu għas-sewwa, hekk ukoll fit-tixkil li jista' jinqala' bejn l-Iskrittura u l-Istorja, wieħed jista' jsib xi qisien biex ifisser u jħoll dawn it-tixkiliet.

Nistgħu aħna nsemmu xi wieħed minn dawn il-qisien? Semmejna fuq li meta hemm xi tfixkila fl-Iskrittura, għax ma taqbilx ma' dak li nafu aħna, għandna l-ewwel niftħu għajnejna li t-test tal-Iskrittura jkun magħrbul u misjub eżatt, li t-tifsir tal-Iskrittura jkun ħaqqien, m'hux kif jidher lil dan jew lil dak l-ieħor. Jekk dawn il-qisien ma humiex biż-żejjed, hemm ukoll qisien oħra.

Għandna naraw jekk il-kittieb ta' l-

Iskrittura kienx qiegħed jikteb ħwejjeġ tiegħu, jew inkella kienx qiegħed isemmi xi dokumenti oħra li huwa ma għamilhomx tiegħu. Jekk fl-Iskrittura nsibu xi ittra li l-kittieb semma u nqeda biha, mingħajr ma għamel tajjeb għaliha f'xi ħaġa, dik l-ittra ma ssirx minnha, għax kienet imsemmija fl-Iskrittura, jekk l-Iskrittura ma tistqarrx li hi minna u tagħmilha tagħha. Għal hekk dik it-tismija tista' ma tkunx minnha.

Għandna wkoll noqogħdu għajnejna miftuħa għall-fehma tal-kittieb. Jekk il-kittieb ma kellux fehma li jikteb storja li ġrat, imma li jikteb storja li qala' minn rasu, sabiex jagħti xi tagħlim meħtieġ; ma tkunx ħaġa sewwa li aħna nistennew li dik l-istorja tkun minnha. Min jikteb rumanż, ma jkollux f'moħħu li kiteb storja. Għal hekk, jekk aħna nistgħu nippruvaw li l-Iskrittura f'dak il-post ma fihiex storja, imma tixbiħa, ma jkun ebda tfixkil li f'dak il-post ngħidu li dik l-istorja ma hix minnha, imma tixbiħa.

Dawn il-qisien u oħrajn bħalhom jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira, kif id-daqqa, sabiex inħollu kull tfixkil li jista' jinsab bejn l-Iskrittura u l-Istorja.

* * *

Hekk, mela, f'din is-sensiela ta' sitt artikli, rajna kif saret il-Bibbja, kif inġabru flimkien il-Kotba tal-Għaqda l-Qadima u tal-Għaqda l-Ġdida, kif wasal f'idejna t-test tal-Iskrittura, li huwa m'hux biss sostanzjalment, imma f'ħafna rqaqat tiegħu, dak li ħareġ minn idejn il-Profeti u l-Appostli; rajna għaliex il-Kotba Mqaddsa huma milhumin minn Alla, u għal hekk għaliex għandhom ikunu minnhom. Issa din is-sensiela b'dan l-aħħar artiklu hija magħluqa. Nittamaw li 'l quddiem nerġgħu niktbu fuq xi ħaġa oħra.

P. Serafin M. Zarb O.P.

# IL-BAĦAR TA' TABARIJA

Dan il-magħqad ta' ilma, fil-Palestina, jgħidulu **baħar;** imma li kieku kien fl-Ewropa, kienu jgħidulu **għadira.** Għax qiegħed f'nofs l-art, u ma jinfed għal imkien. Imma għad li hu għadira, aħna, hawn, sa ngħidulu baħar, bħal ma jgħidulu n-nies ta' dik l-art.

Bħal ma jingħad li Malta għandha għamla ta' ħuta, b'denbha l-Aħrax tal-Mellieħa u ħalqha Bir-Żebbuġa u Marsa-Xrokk, hekk ukoll il-Baħar ta' Tabarija għandu għamla ta' pala tal-bajtar, dejqa min-naħa t'isfel u wiesgħa min-naħa ta' fuq. It-tul ta' dal-baħar hu erbatax-il mil u l-wisa' tiegħu, sitta. Il-firxa tiegħu, jew "area", hija ta' mija u tnax-il mil. Jiġifieri fih erbatax-il mil imrebba' (jew "kwadru") aktar minn Malta, għax Malta fiha firxa ta' xi ħaġa fuq il-ħamsa u disgħin mil.

Il-Baħar ta' Tabarija qiegħed ġewwa ħofra, imdawwar bl-iġbla. In-naħa tax-Xerq, jew tlugħ ix-xemx, kollu rdumijiet, mill-iġbla għal ġewwa l-baħar, għal hekk dik in-naħa ma hemmx irħula. In-naħa tal-Għarb, jew inżul ix-xemx hemm l-iġbla wkoll, imma fuq xifer il-baħar hemm setah ta' art, twil u wati li fuqu mibnija belt kbira ġmielha, jgħidulha Tabarija (li minnha l-baħar ħa l-isem) u ħafna rħula żgħar. In-naħa ta' fuq, fix-Xmiel jew Nord hemm żewġ wetgħat li fihom raba sabiħ, ħaxix u siġar u ilma ġieri. Waħda, fl-antik kienu jgħidulha Ġenna-Sar (il-ġenna jew ġnien tas-sid) u issa jgħidulha Għowejr, u l-oħra jgħidulha l-Battħa (il-bitħa). Hemm wetgħa oħra

żgħira n-naħa t'isfel tal-baħar, fejn ix-xmara tal-Ġordan toħroġ mill-għadira. Din jgħidulha s-Semaħ.

Dan il-baħar timlieh bl-ilma u żommu dejjem mimli x-xmara tal-Ġordan, li min-naħa l-waħda tidħol fih u min-naħa l-oħra toħroġ minnu. L-ilma tiegħu huwa ilma ħelu. Tajjeb għat-tisqija u tajjeb għax-xorb ukoll imma ftit imdardar bit-trab. Fih jitrabba ħut ta' kemm-il xorta u s-sajjieda jaqbdu minnu bix-xbiek, minn fuq ix-xtut u minn fuq id-dgħajjes, u jbiegħuh għal ikel. Dari, fi żmien Ġesù, kienu jmellħuh ukoll, imma l-lum ma nafx għadhomx.

u fiha ma għandhomx jgħammru nies. Imma wara żmien qagħdu għaliha u marru joqogħdu hemm. Qabel il-gwerra li għaddiet kien fiha nies 7,500, li ħamest-elef (5,000) minnhom kienu Lhud. Issa fiha 10,000 ruħ, tista' tgħid kollha Lhud, għax ma hemmx għajr għadd żgħir ħafna t'Insara. Ġewwa Tabarija hemm knisja qadima, għamla ta' dgħajsa. Kienu bnewha s-Salibin u wara ħaduha l-Misilmin u għamluha tagħhom. Wara kisbuha l-Franġiskani u għamluha knisja mill-ġdid.

Meta toħroġ minn Tabarija u tibqa' tiela' 'l fuq, issib raħal żgħir jgħidulu



**Dgħajjes u sajjieda fuq il-Baħar ta' Tabarija.**

Il-belt il-kbira, Tabarija, kien bnieha Erodi Antipa, dak li qata' ras San Ġwann. Bnieha fis-sena 21 A.D., jiġifieri meta kien fl-aqwa ta' żogħżitu sidna Ġesù Kristu. Semmieha "Tiberia", għall-Imperatur ta' Ruma Tiberju, biex iżiegħel bih, għax kien irid minnu. Fejn bena lilha, qabel, kien hemm raħal żgħir jismu Raqqa. Għall-ewwel il-Lhud ma riedux imorru jgħammru fiha, għax huma u jsejsuha nqalgħu raxxa oqbra, u l-Liġi tal-Lhud tgħid li art bl-oqbra hija art imniġġsa,

l-Meġdel. Raħal tal-isem, għax ma fih ħlief x'erba griebeġ u x'erba' siġriet tal-palm. Hemm jgħidu li kien il-pajjiż ta' Marija l-Madalena (jew Magdalena) dik il-mara l-midinba, li tissemma fl-Evanġelju. Jien, ngħid għalija, din ma nemminhiex. Aktar nemmen li l-laqam tas-sew ta' dik il-mara kien Marija l-"Midliela", jiġifieri: Marija "ta' xagħrha twil". Għax "dliel", jew "dalal", xagħar twil ifisser. Għal hekk dil-mara, kif miktub fl-Evanġelju (Luqa VII, 36-48) wara li ħaslet riġlejn

Ġesù bi dmugħ għajnejha mesħithomlu b'xagħrha. U t-tradizzjoni ta' dan għadha miexja, għal hekk fix-xbieħat, lil Marija l-Midliela narawha b'rasha taħt riġlejn Ġesù msallab, b'xagħrha twil-twil, mixħut wara daharha.

'Il fuq aktar hemm biċċa mill-wetgħa tal-Ghowejr, kollha siġar u ħaxix, jgħidulha t-Tabga. Dan l-isem huwa t-taħsira ta' kelmtejn Griegi: "Heptapegon", isem maqlub mil-Lhudi, li kienu jgħidulha Bir-Sebgħa, jiġifieri s-"seba bjar". Wara t-Tabga jiġi Kafar-Naħum, li issa ħerba waħda, u li s-



Il-knisja tal-Bejatitudni qrib il-Baħar ta' Tabarija.

sinagoga tiegħu ktibna fuqha fil-ħarġa ta' qabel din (Ott-Diċ., 1958) u għal hekk ma noqogħdux insemmuha l-lum ukoll.

Ftit aktar 'il hemm, tinsab ħerba ta' raħal ieħor jgħidulu Kerża. Dak kien ir-raħal ta' Korżajn, li seħtu Ġesù ma' Kafar-Naħum u Bet-Sajda (ara san Mattew k. XI v. 21). F'Kerża wkoll għadha udher sewwa l-ħerba tas-sinagoga li fiha kien imur jgħallem Ġesù nhar ta' Sibt.

Wara Kafar-Naħum, bejn Kerża u t-Tabga, hemm għolja, 495 pied ogħla minn wiċċ l-għadira, li jgħidulha tal-Bejatitudni. Dari kienu jaħsbu li hemm fuq Ġesù għamel it-Taħdita l-Kbira, l-"official speech" tiegħu bħala Messija, kif imsemmi fl-Evanġelju ta' San Mattew kk. V, VI, u VII. Hemm fuq it-Taljani bnew knisja sabiħa bi tmien imniekeb, tifkira tat-Tmien Bejatitudni, u Lukanda ħelwa zokkor, fejn min ikun irid, jista' jgħaddi x'erbat ijiem. Imma l-imkien sew fejn Ġesù tħaddet it-Taħdita l-Kbira, sabuh ftit ilu l-Franġiskani, m'hux fuq "il-għolja", imma fuq "id-djul" tal-għolja. Hemm fil-kitbiet tal-Insara l-qodma jissemma li kien hemm knisja u l-Franġiskani, fis-sena 1935 sabu s-sisien tagħha, u xtraw l-art ta' ma' dwarha u reġgħu bnewha. Għad hemm saħansitra l-blata ċatta li fuqha Ġesù Hu u jitkellem qagħad bil-qegħda! K'il-Bambin irid, 'il quddiem inġibu r-ritratt tagħha f'dan il-Qari, ħalli tarawh intom ukoll.

F'dil-kitba ma semmejniex lil Bet-Sajda. Ma semmenihiex, għax dil-belt żgħira jew raħal, ma nafux sewwa fejn kien, ara kemm inqered għal kollox. Hemm min igħid li kien bejn il-Megdel u t-Tabga, fejn issa jgħidulu Ħan-Minja u hemm min igħid li kien fuq ħalq ix-xmara tal-Ġordan, fejn tidħol f'Baħar Tabarija. Xi darba niktbu xi ħaġa fuq dan.

Fuq il-Baħar ta' Tabarija jkun hemm ħafna dgħajjes, kbar, donnhom id-dgħajjes t'Għawdex, jimxu bl-imqadef u bil-qlugħ. Imma dawna jkunu maħmuġin u bla miżbugħa. San Pietru kellu dgħajsa bħal dawn, u ma kienx għajr iġorr lil Ġesù u lill-sħabu l-Appostli fiha, min-naħa għall-oħra tal-Baħar. U darba Ġesù għamel taħdita sabiħa minn fuqha, lil ġemgħa ta' nies li qagħdu bil-qegħda fuq ix-xatt. Fuq dik id-dgħajsa wkoll kienu l-Appostli bil-lejl meta Ġesù mar laħaqhom

miexi fuq l-ilma, f'Baħar Tabarija, dan li qegħdin insemmu hawnhekk.

Hekk, mela, dorna dawra ħafifa, bil-għaġla u bil-ħsieb, mal-Baħar ta' Tabarija, u rajna ftit kif inhu u kemm hu kbir. Hemm wisq aktar x'wieħed igiħd fuq dan il-Baħar, u fuq il-belt li tatu isimha, u fuq ir-rħula u l-iġbla ta' ma' dwaru. Dan k'Alla jrid nagħmluh 'il quddiem.

BEN-JEĦUŻA



Daħla fil-Baħar ta' Tabarija, li aktarx fiha Sidna Ġesù Kristu qagħad jgħallem bit-tixbihat, minn fuq id-dgħajsa ta' San Pietru, lin-nies li kienu bil-qegħda fix-xatt.

# IL-MADONNA TAL-ĦALIB

Ġewwa Betlehem, xi tlitt mitt pass bgħid mill-Bażilka tal-Milied, hemm knisja żgħira taħt l-art, jew aħjar, hemm għar żgħir magħmul knisja, donnu l-għar tal-Mensija ta' Malta, li l-Għarab jgħidulu "Magħaret Sitti Miriam", u l-Ewropin jgħidulu l-"Knisja tal-Madonna tal-Ħalib". Mill-qedem in-nies ta' Betlehem jgħidu li ġewwa dak l-għar, San Ġużepp ħeba lil Madonna u lil Ġesù Bambin, malli l-Anġlu ħabbru li Erodi kien se jiġbor is-subien iż-żgħar ta' Betlehem, biex jidbahhom.

Il-blat li minnu magħmul il-għar, (jiġifieri l-ħitan u s-saqaf) hu abjad u artab li taqtgħu malajr, donnu ġibs. Fuq hekk ukoll, in-nies ta' Betlehem jgħidu ħaġa: jgħidu li l-Madonna kif kienet moħbija f'dak il-għar bil-lejl, tistenna lil san Ġużepp jiġi bil-ħmara ħalli jħarrabha lejn il-Masar, u kienet qegħda tradda lil Bambin, mimdud fi ħdanha, san Ġużepp ġie, ittawwal minn bieb il-għar u qalilha: "Mirjam, għaġġel! Ejja ħalli nitilqu!" Hija qamet bil-għaġla, u kif il-Bambin telaq minn xuftejh sidirha, ftit mill-ħalib verġni waqa' fl-art. U b'hekk il-blat tal-għar sar kollu artab u abjad, qisu ħalib magħqud.

Jekk din hix ġrajja minnha, jew xi qlajja tan-nies ta' Betlehem, għax deħritilhom ħaġa tal-għaġeb il-bjuda u r-rtuba tal-blat tal-għar, ħadd ma jaf sewwa. Imma hi ħaġa minnha li ħadd ma jista' jiċħadha, li n-nisa ta' Betle-

hem u tar-rħula tal-qrib, Kattoliċi, Xiżmatiċi u Misilmin, kull meta jidhrilhom li jkun jonqoshom il-ħalib minn sidirhom — għax hemm bil-bottijiet u l-fliexken ma jemmnux — imorru ġewwa dan l-għar, joborxu ftit trab abjad mill-blat, jeħduh id-dar u jħalltuh ma' l-ilma u jixorbuh, u l-ħalib ta' sidirhom jerġa' jiżdidilhom. Dana minnu, u l-Palestina jafu u jemmnu kulħadd.

* * *

Billi n-nies ta' Betlehem minn snin 'il hawn żdiedu, u billi f'dan il-għar ir-Rħieb Franġiskani, li hu tagħhom, bi tagħhom biex il-Madonna tberikhomlhom, u jekk ikunu morda, troddilhom is-saħħa u l-għafja mill-ġdid. Hawnhekk sa ngħid ħaġa li mhux qrajtha, anqas smajtha, imma rajtha b'għajnejja. Ħaġa żgħira u kurjuża. Niktibha biex ma tintilifx.

Meta kont il-Palestina, għal ħabta tal-Milied kull sena kont immur Betlehem, inżur il-Għar tat-Twelid, u kif inkun hemm ngħaddi nżur lil Madonna tal-Ħalib u ngħidilha 'Salve Regina'. Il-għar tinżel fih bi tlettax-il tarġa, u fix-xellug tat-taraġ, int u nieżel, ftit fil-għoli, fil-blat hemm imħaffra donnha tieqa bi nkwatru mdendel fiha. Jiena



**Artal, niċċa, anġli, xama' u fjuri, ġewwa l-Kappella tal-Ħalib, li tinsab qrib il-Għar ta' Betlehem.**

iqaddsu kuljum, u fil-għejjieda tal-Madonna jagħmlu Tridu jew Novena li għalihom in-nies ta' Betlehem jahdru bil-mijiet, il-Franġiskani kellhom iħaffru bħal barriera quddiem il-għar u jsaqqfuha u jagħmluha knisja mhix ħelwa bi ftit.

Dan il-għar, jew knisja, tista' tgħid li huwa l-knisja tan-**nisa** ta' Betlehem, li huma ġejjin u sejrin hemm għal kull ħtieġa, jitolbu lil Madonna tidħol għalihom u tgħinhom. Hemm jieħdu t-trakont naraha, imma qatt ma tajt każ tagħha. Darba kif kont nieżel ma' ġenb din it-tieqa rajt żewġ nisa: mara żagħżugħa u mara mdaħħla fiż-żmien. Il-mara ż-żagħżugħa kienet qiegħda żżomm tifel ta' xi sentejn jew tlieta, wiċċu 'l ġewwa, fit-tieqa. Hemm tista' ssaqsi li trid, għalhekk jien staqsejt lill-mara x-xiħa: "X'hu hawna?" Hi tbissmet u weġbitni: "Hawna jxaħħu l-awlâd". Jiġifieri: "Hawn iġiegħlu t-tfal żgħar jagħmlu ftit ta' l-ilma".

Jaħasra! Iġibu t-tfal żgħar jagħmlu ftit ilma fil-knisja, għad-devozzjoni! Jien ma stagħġibtx, u ma fihiex x'tistagħġeb. Il-mammiet jibżgħu għal uliedhom, u jfittxu l-għajnuna tal-Madonna, li Hija wkoll Mamma, malli jintebħu b'xi nuqqas fis-saħħa tagħhom, ikun x'ikun.

* * *

Issa naqra mill-istorja ta' dan il-għar, u biżżejjed għal din id-darba.

L-ewwel darba li hu miktub li kien hawn knisja fuq dan il-għar, hi fis-seklu Ħamsa. Mhux knisja biss kien hawn, imma knisja u dejr, li aktarx kienet bniethom Santa Pawla, waħda mara għanja Rumana li kienet marret Betlehem ma' San Ġlormu, u baqgħet hemm, u waqqfet Xirka ta' nisa, bħala Raħbiet. Dawn il-knisja u d-dejr ġarrfuhom il-Misilmin, imma wara, il-knisja reġgħu bnewha l-Griegi u semmewha San Nikola. Din il-knisja kellha ħajja qasira, għax meta s-Salibin ħadu Betlehem, sabuha ħerba mill-ġdid.

Meta l-Franġiskani trawmu f'Betlehem, mill-ewwel xeħtu għajnejhom fuq dal-Għar Imqaddes u ħasbu biex iġibuh taħt idejhom, lilu u l-ħerba tal-knisja ta' San Nikola. Fuq hekk kellhom ħafna ġlied mal-Griegi, li jgħidu li hemm tagħhom, imma fl-aħħar ġiebuha żewġ; biss, li l-Għar kellhom iħalluh miftuħ, biex min irid jista' jżuru. Fis-sena 1375 il-Papa ta' dak iż-żmien ħareġ bolla li biha tahom il-ħalla li jistgħu jqaddsu ġewwa dak l-Għar, kif kienet ix-xewqa tagħhom. Fis-sena 1493 laħaq Kustodju ta' l-Art Imqaddsa Patri Franġisk Suriano u ġewwa dal-Għar bena artal tar-rħam, u bis-saħħa ta' dan l-artal, biex ħadd ma jidħol bil-lejl u jkissru, waħħal f'bieb l-Għar xatba sħiħa tal-ħadid u qafilha.

Il-lum, kif għedna, l-Għar tal-Ħalib huwa ġawhra ta' knisja. Fuq l-artal hemm niċċa b'sura tal-Madonna tradda lill-Bambin, imdawra bil-wegħdi tad-deheb u tal-fidda, mogħtija lilha l-aktar min-nisa, b'xhieda talli semgħet it-talb tagħhom. Quddiemha hemm dejjem għadd ta' xama' jixgħel, u lampieri żgħar inemnmu, lejl u nhar.

Fiż-żmenijiet tan-Nofs, l-aktar għal ħabta tas-sena 1400, fl-Italja jissemmew wisq ir-**Relikwji,** li kien fihom ftit ħalib tal-Madonna. Dak li jgħidulu ħalib mhux ħaġ'oħra għajr żrar abjad, meħud minn dan il-Għar. F'San Ġwann tal-Belt, hawn Malta, fl-artal tar-**Relikwji,** igħidu li hemm ukoll ftit ħalib tal-Madonna, li ma għandniex xi ngħidu, għandna naħsbu li hu xi żrara meħuda minn dak il-Għar li hemm Betlehem, bħal dawk li semmejna fuq.

Il-Franġiskani ġewwa dan l-Għar jagħmlu quddiesa kbira ħames darbiet fis-sena. Jagħmlu wkoll fiha x-xahar ta' Mejju, u fih jiltaqgħu x-xebbiet ta' Betlehem tax-**Xirka tal-Bniet ta' Marija.** Fil-għejjieda tal-Madonna, il-Franġiskani jagħmlu żjara lil dan il-Għar ma' l-Insara ta' Betlehem, u jagħtu l-**Barka u** jitolbu lkoll flimkien.

Fra LATTANZJU o.f.m.

---

**DAN IL-QARI**

**JAGĦTI L-FESTI T-TAJBA LILL-IMSEĦBIN**

**LIL QRABATHOM U LIL ĦBIEBHOM.**

# IL-FRIEFET

Nazaret kien naqra ta' raħal, bi ftit djar imxerrda, dar 'l hawn u dar 'l hemm. F'nofs ir-raħal sewwa, fuq il-għoqba, kien hemm daqsxejn ta' dar, kamra waħda, mibnija quddiem saqfa tal-blat, li taħtha kien hemm għar. Quddiemha xi żewġ ħammiliet bin-nagħniegħ u l-merdqux, minquxin u msoqqijin bl-ilma tal-bir li kien hemm qrib tagħhom. Ma' ġenb id-dar siġra kbira tal-ġewż.

F'dik id-dar kienet toqgħod xbejba jisimha Mirjam, miżżewġa ma' raġel xiħ kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, u dik in-naħa. Ix-xiħ kien jismu Jusef. Kellhom tarbija, tifel, ta' xi tmien xhur, li semmewh Jesugħ. Ix-xiħ, ftit bgħid mill-kamra kellu farka ta' ħanut tax-xogħol. Kien jaħdem l-imħaret u x-xtabi u għodda oħra tar-raba. Mirjam kienet toqgħod id-dar, tagħżel u traqqa, taħsel u ssajjar, u, ma għandniex xi ngħidu, tieħu ħsieb it-tarbija.

Mirjam, taħt is-siġra tal-ġewż kienet qegħdet lenbija, mirfuda b'erba' ħaġriet, u meta kien ikollha x'tagħmel ħafna, kienet timlieha bis-suf tan-nagħaġ u tifrex fuqu ħarqa nadifa, u tqiegħed it-tifel hemm. Tħoll is-sarsarun minn għonq in-nagħġa, iddendilulhu ma' fergħa fejn jista' jilħqu, u tħallih jil-għab hemm ma' ġenbha, u jċenpel is-sarsarun.

Kienet mela għodwa waħda tal-ħarifa, l-ajru ċar u x-xemx fietla. Mirjam dik inhar kellha l-ħasla. Għal hekk ħejjiet il-lenbija, qegħdet it-tifel ġewwa fiha, u qagħdet taħsel il-ħwejjeġ fil-ħawt tal-ħaġar, ħdejn is-siġra, bil-lissija u l-ilma tal-bir.

Meta kien ilha taħsel ftit, mit-triq għaddiet mara. Il-mara waqfet, ittawlet minn fuq il-ħajt tal-għalqa, u għajtet lix-xbejba: ''Mirjam! Mirjam! Ħares ftit!''

Mirjam ħarset. ''Ara kemm friefet għandek fuq is-siġra!'' qaltilha l-mara. ''Dawk il-friefet kollha kif ġew hemm?''

''Tas-sew!'' wieġbet Mirjam. ''Għandhom ikunu ġew għad-dell. Is-sib li ħassew is-sħana!''

Il-mara baqgħet sejra, u Mirjam daħlet taħt is-siġra, fejn ġewwa l-lenbija kellha t-tifel. Kif daħlet waqfet. Taħt is-siġra kien geġwiġija waħda friefet: friefet kbar, ġwenħajhom donnhom imriewaħ, u friefet żgħar, ġwenħajhom donnhom weraq tal-merdqux. Friefet bojod, friefet suwed, friefet sofor, friefet ħodor u minn kull lewn. Uħud imżewqin, oħrajn lewn wieħed. Kotra jittajru ma' dwar it-tifel, uħud weqfin fuq xagħru, fuq kitfejh, u fuq ix-xifer tal-lenbija. Hu kien f'nofshom, ixejrilhom b'idejh u jkellimhom bil-lingwa tiegħu, kollha kliem ta' sillaba waħda: ''I... da!... a... di!...'' U l-friefet iduru, jitbegħdu ftit minnu, jerġgħu jiġu għal fuqu, u hu jifraħ u jxejjer idejh.

Mirjam resqet lejh bil-qajl u refgħetu mil-lenbija, imma hu ma riedx imur, u beda jferfer saqajh biex jerġa' jinżel. Mirjam reġgħet niżżlitu bil-qajl u qegħditu fuq il-ħarqa. Hu rafa' jdejh it-tnejn fil-għoli u għajjat: ''Da!'' U kif qal ''da'', il-friefet kollha telqu. Iż-żgħar għaddew minn bejn il-weraq u l-kbar minn taħt il-friegħi. Kif telqu l-friefet iż-żgħir dar lejn Ommu, medd idejh lejha u qalilha ''a'', jiġifieri: ''Erfagħni''.

Il-mamma refgħetu, u kif kienet ħierġa bih minn taħt is-siġra, qaltlu: ''Ibni, jaħasra, għax tagħmilli hekk? Ara n-nies, minn barra,, jaraw dawn il-frie-

fet kollha, joqogħdu jħarsu.''

Iċ-ċkejken ħares lejn ommu mistagħġeb. Uriha, bil-wejda, n-nagħġa marbuta ħada bieb il-kamra, u f'għonqha mdendel is-sarsarun, u qalilha: ''I da?'' jiġifieri: ''X'inhu dak?''

''Ah, iwa!'' wieġbet il-mamma. ''Issa qegħda nifhem. Il-lum ma dendiltlekx is-sarsarun. Mela għal hekk ġew il-friefet, għax ma kellekx b'iex tilgħab. Sewwa, sewwa. Ridt xi ħaġa biex tgħaddi ż-żmien!''

ĠUŻA

# IS-SALT

Tiftakarhom dawk il-''Pioneers'' Għarab li ġew Malta fl-aqqal tal-gwerra li għaddiet? Kien hemm ftit minnhom li kienu mit-Transġordanja, Għal hekk, nies mit-Transġordanja ġew Malta; imma nies minn Malta li marru t-Transġordanja u qagħdu hemm għal xi żmien, ma naħsibx li hawn, aktar minn xi tnejn.

Fejn hi t-Transġordanja? It-Transġordanja isimha magħha: hija dik ilqasma tal-Palestina li qegħda n-naħa l-oħra tax-xmara tal-Ġurdan. Il-lum jgħidulha Ġordanja, fejn hemm is-sultan jew kif jgħidulu huma, ''Melek'' Husejn, li qrajna fuqu ħafna filgazzetti.

Dal-pajjiż huwa wieħed minn dawk li qegħdin jikbru u jitbiddlu b'għaġla kbira, minn erbgħin sena 'l hawn; jiġifieri minn meta l-Ingliżi keċċew minnu lit-Torok fl-1919. Daż-żmien il-belt ilkbira tal-Ġordanja hi Għamman, imma fi żmien it-Torok u għal xi snin wara, kienet oħra, jisimha s-Salt. U din hija l-belt li sa nsemmu hawnekka.

Is-Salt mibnija ġewwa ħofra, imdawwra bl-iġbla jew muntanji. Il-ħofra magħmula minn żewġ widien, jgħidulhom: Wied il-Qrad u Wied ir-Rum. Iddjar mibnija dar għola minn dar, fuq il-ġnub tal-għoljiet, għal hekk bejn iddjar ma hemmx toroq, għax ġnub l-għoljiet weqfin wisq. Karozzi ma jgħaddux minn hemm, u anqas nies, ħlief min igħammar f'dawk id-djar, għal dan, ma hemmx għalfejn isiru toroq. Toroq hemm 'l isfel biss, fil-qalba talbelt, ġewwa l-widjien.

Bini kbir ma hemm xejn. ''Talkies'' u lukandi u ħwienet kbar ma jafux bihom. Knejjes hemm tlieta: tal-Latini, tal-Griegi Ortodossi u tal-Griegi Kattolki. Hemm il-Protestanti wkoll, imma ma għandhomx knejjes, jiltaqgħu ġewwa d-dar tal-''qassis'' tagħhom, għax huma ftit. Il-knejjes li semmejna m'humiex sbieħ u ma fihomx x'tara. Il-knisja tal-Latini kbira sewwa, imma fiha artal wieħed tal-ħaġar, bla ebda żina, u żewġ artali tal-għewwied. L-inkwatri ma humiex tat-tila imma miżbugħin fuq il-ħajt. Kor ma fihiex, għax ma hemmx qassisin min ikanta. Hemm daħla żgħira wara l-artal li taqdi wkoll ta' sagristija. Il-Patrijarka ta' Ġerusalem ftit għandu qassisin, għal hekk fis-Salt ma jkunx jista' jibgħat iktar minn tnejn. Darba fil-kemm jibgħat qassis barrani, xi Maronita, biex jagħmel il-priedki għal xi tmint ijiem.

Ħwienet, minn dawn iż-żgħar hemm ftit. Xi żewġ Bazaar, ibiegħu l-buttuni, rkiekel, qliezet ta' taħt u flokkijiet u mkatar u teftif bħal dan. Xi żewġ ħwienet oħra jew tlieta jagħmlu l-ħelu Għarbi, u xi oħrajn tal-barbiera jew kif jgħidulhom huma ''ħallaqin''. Ħwienet tal-ħaxix għandu jkun li ma hemmx

billi hemm kulħadd għandu r-raba tiegħu, u ħadd ma jeħtieġ li jixtri minn barra. Frott u qamħ u qaraboċċ ikun hemm nies ibiegħu fil-misraħ żgħir li jgħidulu Suq. Hemm naqra ta' Posta: żewġ kmamar żgħar, fejn ibiegħu l-bolgħajnejhom suwed. Ir-rġiel jilbsu l-qumbas, donnu qmis twila u fuqha l-għabaj, donnu kapott, tas-suf tal-mogħoż, u f'rashom ikollhom il-ħatta u l-għagal, jiġifieri ħarqa, donnha maktur kbir, miżmum fuq rashom b'ħabel tas-



It-triq il-kbira tas-Salt. Fil-lemin, taħt it-triq tidher il-għajn, u fuq: mara bil-landa ta' l-ilma fuq rasha.
Aktar 'il quddiem: qatgħa ħmir mgħobbijin il-qamħ.
Ritratt meħud mill-kittieb, minn fuq il-bejt tad-Dejr.

li ta' l-ittri, li huma jgħidulhom "tabiet".

In-nies ta' hemm twal, lewnhom qamħi jew safrani. Qishom kollha suf, imdawwar għal darbtejn. Hemm ftit żgħażagħ jilbsu bħal tal-Ewropa, qalziet u ġlekk. Il-kbar fiż-żmien kollha jħallu l-leħja.

Ix-xebbiet jilbsu libsa sewda u jgħattu wiċċhom b'biċċa sewda wkoll, irqiqa, li jaraw minn ġewwa fiha. Il-miżżewġin nisa, jilbsu kotra kbira ta' ħwejjeġ suwed ukoll, li ma tistax tfisser kif inhuma sewwa. Kif jidher, ikollhom libsa donnha ċoqqa ta' raħeb, sewda u kbira, bil-kmiem wesgħin u twila salgħarqbejn, u fuqha donnu kapott bilkmiem qosra u qasir sar-rkubbtejn, imma oħxon u mimli bil-qoton jew suf. F'rashom ikollhom bħal ħatta sewda marbuta ma' rashom b'ċarruta mibruma. Qishom kollha jkollhom wiċċhom bit-tikek suwed, magħmula bil-labar u t-trab tal-faħam. Ħafna minnhom ipejpu l-pipa: pipa twila xi tliet ixbar.

Meta tkun miexi, fis-Salt ma għandekx tqiegħed idejk fil-but, għax jgħidu li hu għajb. Jekk ikun il-bard ħafna u tqegħdhom, qis li tħalli sebgħek ilkbir, il-behem, barra mill-but. Ma għandek qatt tmiss xejn bis-saba t-twil, ta' nofs l-id, għax jgħidu li dik għajb ukoll. Jekk tkun għaddejja xi mara jew xebba tagħmel ħażin wisq jekk tarfa' għajnejk u tħares lejha, għax malajr jiġi xi raġel fuqek, ikellmek ħażin u jrid jaf il-għaliex ħarist.

Is-Salt sa ftit snin ilu kien fiha nies ma' -dwar it-tnejn u għoxrin elf ruħ, il-kotra tagħhom Misilmin. Insara l-aktar li kien hemm Griegi Xiżmatki. Imbagħad Latini u Griegi Kattolki hemm għadd mhux ħażin. Hemm tliet xorta ta' Protestanti: Ingliżi, Amerikani u Sebtija, imma huma ftit fil-għadd. Hemm l-Insara jaqalbu malajr minn din għall-ieħor Nisrani. Hemm Griegi Ortodossi li jaqalbu Latini jew Kattolki, u jkun hemm min minn Latin jaqleb Grieg ukoll, l-aktar biex jinħall mill-mara li jkollu, u jiżżewweġ oħra. Imma ħaġa kbira għall-aħħar li Nisrani, ikun x'ikun, jaqleb Mislem, u li wieħed Mislem jaqleb Nisrani hija ħaġa li ma tinstama' qatt.

Is-Salt hija belt tad-dwejjaq. Billi qegħda bejn l-iġbla, qabel it-tmienja, fil-għodu, ix-xemx ma tidherx, anqas fis-sajf. U għal xi l-erba' ta' wara nofs inhar tinżel wara l-iġbla tan-naħa l-oħra. Meta tagħmel ix-xita, l-ilma jiżżerżaq mal-iġbla, jgħaddi minn bejn id-djar, jiltaqa' fi "strada rjali" talbelt u jgħaddi bħal wied.

Hemm ma hemmx gazzetti, imma hemm aqwa mill-gazzetti: ilsien in-nies. Jekk tkun miexi u tħares lejn qasrija f'tieqa, tibżax, il-għada l-belt kollha tkun taf. Għal dan trid tara kif timxi, tara fejn tħares, tara kif titkellem u lil min tkellem. Jaqbel toħroġ dawra filgħelieqi barra mill-belt; imma hemm ukoll trid tiftaħ għajnejk, għax aktarx ikun hemm min hu għassa tiegħek.

Din kienet is-Salt fiż-żmien li kont fiha jien, xi snin ilu. U l-lum ma naħsebx li hi wisq xorta oħra minn hekk.

ELSIE

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Għajn li tħibb, għamja. Jiġifieri: *Min tħobbu ma tarax in-nuqqasijiet tiegħu.* Ma għandniex xi ngħidu, sa kemm iddum l-imħabba, għax imbagħad xorta oħra, bħal ma jiġri ħafna drabi.

Kull għajn laħa ħâla. Ifisser: *Il-għajnejn ma jarawx kollha xorta.* Dak li int tarah tajjeb, hemm min jarah ħażin.

# DIFFIKULTAJIET FL-EVANĠELJU

Min jaqra l-Vanġeli u jqabbilhom bejniethom jiltaqa' ma' ħafna tfixkil li xi drabi jwaqqfu jew iġarrfu fil-mixi tal-qari tiegħu. Xi drabi naqraw f'wieħed dak li ma naqrawx f'ieħor; xi drabi ma nistgħux nagħarfu jekk humiex isemmu l-istess ġrajja jew le; xi drabi ċ-ċirkustanzi tal-ġrajja ma jaqblux; xi drabi ma nafux meta ġara xi fatt li huma jsemmu, għax min isemmih fi żmien u min isemmih fi żmien ieħor. Ħalli nsemmu xi ftit minn dan it-tfixkil: Skond S. Mattew, S. Mark u S. Luqa l-ministeru ta' Kristu fid-dinja jidher li dam sena biss, imma skond S. Ġwann dam mill-inqas sentejn u forsi tlieta; S. Ġwann igħid li Kristu keċċa l-bejjiegħa mit-tempju fil-bidu tal-ministeru tiegħu, it-tliet Evanġelisti l-oħra jirrakkuntaw dal-fatt fi tmiem il-ministeru ta' Kristu, ftit jiem qabel il-passjoni; S. Luqa jgħid li Kristu darba kien mistieden għall-ikel u waqt l-ikel kien midluk bil-fwieħa minn mara. S. Ġwann igħid li Kristu kien midluk bil-fwieħa minn Marija oħt Marta u Lazzru ftit qabel il-passjoni; S. Mattew u S. Luqa t-tnejn jagħtuna l-arblu tar-razza ta' Kristu, iżda mhux f'kollox jaqblu bejniethom; S. Mattew igħid li Kristu hu u sejjer Ġerusalem fejjaq żewġ għomja, S. Mark u S. Luqa jgħidu li fejjaq wieħed biss. Dan hu ftit mit-tfixkil li niltaqgħu miegħu aħna u naqraw il-Vanġeli. Kif sa neħilsu minnu? Ngħiduh fin-numri li ġejjin. Għalissa ngħidu xi ħaġa kif inkitbu l-Vanġeli.

### Kif inkitbu l-Vanġeli

Il-Vanġeli mhumiex l-istorja tal-ħajja ta' Kristu, anqas ma huma l-istorja tal-ministeru ta' Kristu fost il-bnedmin. Dan igħidu ċar S. Ġwann li fl-aħħar tal-Vanġelu tiegħu jistqarr li li kieku kellu jikteb kull ma qal u kull ma għamel Kristu, kien ikollu jikteb mhux ktieb wieħed imma ħafna u ħafna. L-Evanġelisti qalulna biss ftit milli għamel u qal Kristu. Wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin, l-Appostli bdew ixandru l-isem ta' Ġesù u jgħidu li Kristu kien tassew il-Messija mwiegħed, Bin Alla mibgħut fid-dinja minn Alla stess għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. U dan kienu jippruvawh bil-mirakli tiegħu u fuq kollox bil-qawma tiegħu minn bejn l-imwiet. Għal dal-fini ma kienx hemm bżonn isemmu l-mirakli kollha jew il-kliem kollu ta' Kristu, u hekk ħafna mirakli u ħafna kliem ta' Kristu baqgħu minsija. Hekk ftit snin wara l-mewt ta' Kristu nħolqot ġabra ta' tagħlim ta' Kristu u ta' rakkonti fuq Kristu li minnha l-Appostli kienu jieħdu dak li kien jinħtiġilhom għat-tagħlim. Għalkemm l-Appostli kienu raw il-mirakli kollha ta' Kristu u semgħu t-tagħlim tiegħu kollu, huma fit-tagħlim tagħhom kienu jimxu ma' dik il-ġabra bla ma jżidu u bla ma jbiddlu xejn.

Maż-żmien beda jinħass il-bżonn li t-tagħlim ta' l-Appostli jinkiteb. U tnejn mill-Appostli, S. Mattew u S. Ġwann, kitbu dak li kienu għallmu, u żewġ dixxipli ta' l-Appostli, S. Mark u S. Luqa, kitbu t-tagħlim li semgħu minn għand l-Appostli. Issa l-Evanġelisti ma kitbux biex jirrakkuntaw il-ħajja ta' Ġesù, iżda biex igħallmu xi ħaġa fuq Ġesù, jiġifieri l-Evanġelisti riedu jgħallmu mhux jirrakkuntaw stejjer. U billi ma kitbux lill-istess nies, kellhom jaddattaw ruħhom għall-qarrejja tagħhom. Hekk S. Mattew kiteb lil-Lhud

biex jurihom li Kristu maqtul minnhom kien il-Messija mwiegħed mill-profeti u mistenni minnhom. Iżda S. Luqa qiegħed jikteb għall-pagani biex jurihom li huma wkoll imsejħin għas-salvazzjoni. It-tagħlim ta' S. Mattew ma kienx igħodd għall-qarrejja ta' S. Luqa, u għalhekk il-bxara ta' S. Luqa ma taqbilx mal-bxara ta' S. Mattew, għalkemm it-tnejn huma l-bxara tas-salvazzjoni. Minn dan nifhmu li ż-żewġ Evanġelisti ma setgħux jirrakkuntaw l-istess ġrajja jew isemmu l-istess tagħlim ta' Ġesù.

Barra minn dan għandna niftakru li kull kittieb għandu l-manjera tiegħu kif jirrakkonta. Ħu tnejn min-nies, għidilhom jiktbu fuq l-istess fatt u tara kif it-tnejn ma jkunux jaqblu bejniethom f'kollox. Hekk ukoll l-Evanġelisti. Kull wieħed kellu l-manjera tiegħu kif jirrakkonta. Wieħed jistgħu jolqtuh ċerti ċirkustanzi li ieħor ma jagħtix każ tagħhom. Fost l-Evanġelisti S. Luqa kien l-aktar wieħed ta' l-iskola, iżda madankollu S. Mark kellu ħabta jsemmi ċerti ċirkustanzi żgħar li jagħtu ħajja lir-rakkont; S. Luqa, kittieb aħjar, ma kellux dil-ħabta. Terġa' xi drabi Evanġelista jgħaqqad flimkien żewġ ġrajja jew żewġ diskorsi ta' Ġesù li jixxiebhu, fil-waqt li ieħor jifridhom. Dawn huma ħwejjeġ li jmissu biss il-mod tar-rakkont, imma l-verità tibqa' sħiħa. L-Evanġelisti riedu jgħallmu permezz ta' rakkonti veri, mhux jirrakkuntaw ġrajja bl-irqaqat tagħhom kollha.

P.P. SAYDON.

# IN-NISA TA' L-GĦARAB

Il-Għarab ma humiex kollha xorta waħda. Hemm Għarab tal-ibliet, imrobbijin fil-kulleġġi, li ħlief mil-lingwa ma jingħarfux mill-Ewropin. Għal hekk meta hawn insemmu "Għarab" ma nifhmux il-Għarab kollha, imma lil dawk li jgħidulhom "Bedu", li dejjem jiġġerrew min-naħa għall-oħra, u lill-Għarab tar-rħula ż-żgħar li jgħidulhom "Fellaħin".

**It-Twelid.** — Fost il-Għarab tal-Palestina it-twelid ta' tifla, ma hux bans, ġrajja ta' ferħ, imma aktar ġrajja ta' niket, qisha ġrat xi ħsara fid- dar; għad li dan, meta titweldilhom tifla, il-Għarab ikollhom x'isabbarhom: il-ħsieb li jekk tgħix sa kemm tikber u jkollha dawk it-tnax-il sena, idaħħlu tagħha kemxa flus, jiġifieri jżewwġuha lil xi għarus li jħallas tajjeb. B'dana kollu, it-twelid ta' tifla huwa dejjem mgħdud bħala ġrajja ta' swied il-qalb.

Meta titweldilhom tifla, il-Għarab, ma jagħmlu ebda naqra ta' għors, u jagħtuha isem dak il-ħin li titwieled jew ftit wara. L-isem lil uliedhom il-Għarab ma jagħtuhx kif ġie-ġie, imma dejjem irid ikun ifisser xi ħaġa li jkollha x'taqsam mat-tarbija. Jekk tkun smina, aktarx li jsemmuha Żagħlula (jiġifieri 'beċċuna'); jekk titwieled fi żmien il-ġlied bejn raħal u raħal, isemmuha Ħarbija (tal-gwerra); jekk ikun għamel xi xebgħa silġ ftit qabel jew ftit wara twelidha, isemmuha Talġa (silġa), u hekk. Ġie li jsemmuha Żejna, jew Ġawħra, jew Tamina, (prezzjuża) jew Trajja (linfa). Ix-xebba tal-Opra ta' Verdi kien jisimha Għida (Għajda) jiġifieri 'festa'. Dejjem xi isem li jfisser xi ħaġa, bħal ma kien isir mill-ibgħad żmenijiet.

Malli t-tifla jkollha xi sitt snin jew sebgħa, jġiegħluha tagħmel xi ħidma

biex tgħin id-dar. Tiġma r-rawt tal-baqar u l-bagħar tal-ħmir u ġġibu d-dar biex ommha tnixxfu u tqabbad in-nar, bih, bħala faħam. Tlaqqat il-ħubbejża minn qrib ir-raħal, biex jgħalluha u jekluha. Iġġib l-ilma mill-għajn u tirgħa n-nagħaġ, u titlob il-"baqxix" kull darba li tara lil xi ħadd għarib u liebes tajjeb. Għal bniet ma hemmx skola. Tifla qegħda għax-xogħol biss, mhux għat-tagħlim.



**Mara tal-Palestina, liebsa l-lbies irżin tagħha, bil-ġarra ta' l-ilma fuq rasha u l-inħasa tat-tisjir fl-art ma' ġenbha.**

**Il-lbies.** — Il-libsa li jilbsu l-bniet u n-nisa Għarab tkun bħal bluża twila u wiesgħa, sewda jew kaħla, drabi mżejna bit-titriż, jiġifieri bil-ward irqiq maħdum bil-ħajt tal-ħarir ta' ħafna lewnijiet, fuq is-sider u mal-ħjata tal-ġnieb tal-bluża. Fuq rashom ikollhom ħarqa bajda kbira, li jħalluha tidden-del għal wara daharhom. Ikunu mħażżmin b'terħa, aktarx ħamra jew safra biex taqta' fuq lewn il-bluża. Billi l-flus tal-Palestina bit-toqob, jekk ikollhom il-flus, idommuhom f'qafla u jorbtuhom ma' rashom, min fuq xbin-hom għal wara widnejhom. Jagħmlu wkoll naqra ta' "make up" xi drabi, xi wħud minnhom. Dan ikun ftit trab tal-faħam irqiq, li huma jgħidulu 'ko-ħol', li jdaħħluh fi xfar għajnejhom, biex jidhru suwed u kbar, u wkoll iħar-suhom mit-trakoma, jew laħam ħażin. U fit-Transġordanja, jagħmlu ħafna ti-kek suwed bil-labar, fuq ħaddejhom.

It-tifla ma titħalla qatt li tagħmel ħbieb jew titkellem ma' rġiel jew su-bjien barranin, imma biss ma' missie-rha u ħutha. Jekk jiġri li ttabba' ġieħha (ħaġa kbira ħafna biex issir) id-drawwa hi li missierha jew ħuha jħas-sar il-għajb tal-familja billi jaqtagħlha griżmejha quddiem ix-xhieda u joq-tolha.

**Il-għerusija.** — Il-bniet Għarab jiż-żewġu bikri. L-aktar żmien dari taż-żwieġ tagħhom hu meta jkollhom ma' dwar it-tnax-il sena. Il-Għarab jgħidu li l-mara hija bħall-warda. Kif warda aktar ma taqtagħha bikri mill-ġnien aktar iddum friska u tfuħ, hekk ukoll il-mara, aktar ma tiżżewwiġha bikri, aktar iddum tithenna biha. Il-mara tal-Għarab, meta jkollha erbgħin sena tidher qisha għandha xi sittin, imma dan ħtija tal-Għarab infushom, bix-xogħol żejjed li jħaddmuha. Il-fte-him taż-żwieġ isir bejn misserijiet il-għarajjes, jew jekk ma jkollhomx mis-sierhom, bejn zijiethom jew ħuthom subjien, drabi bla ma tkun taf it-tifla. Jiġri wkoll mhux darba u tnejn li l-għa-rusa sa nhar it-tieġ ma tkun qatt rat il-għarus, u anqas tkun taf min sa jkun il-għarus tagħha. Drabi tifla żgħira iżewġuha lil raġel xiħ, li aktarx ikollu xi żewġ nisa oħra qabilha. Jekk tifla jkunu jriduha żewġt irġiel, jirbaħha

dak li jħallas tagħha l-aktar; imma jekk iħallsu xorta, jirbaħ dejjem il-qarib.

**Iż-żwieġ.** — Min jiżżewweġ irid iħallas tal-għarusa lil missierha jew lil ħuha jew lil zijuha. It-ftehim ta' kemm sa jkun il-ħlas u ta' x'sejjer ikun, isir minn qabel. Il-ħlas ma jkunx fil-pajjiżi kollha xorta waħda, u l-għarusa torħos jekk tkun kerha, jew għajnejha mpeċpċin, jew ikollha xi nuqqas f'saħħitha. Il-ftehim tal-ħlas isir quddiem ix-Xiħ jekk ikunu Misilmin u quddiem il-Qassis jekk ikunu Nsara.

Fil-jum li jkunu ftiehmu li jsir it-tieġ, nies il-għarus, imseħbin minn kotra ta' rġiel, nisa u tfal, imorru jġibu l-għarusa minn dar missierha. Jrikkbuha fuq ġemel jew fuq debba, jgħattuha b'lizar, u jeħduha fost ħafna għajjat. Kif jaslu, idaħħluha għand il-għarus mill-ewwel, u l-għors isir barra, quddiem il-bieb, fit-triq. Hemm in-nies jibdew jgħannu u jiżfnu u jitbahardu. Joqtlu l-ħrief u jsajjruhom u jgħallu r-ross u kul ħadd jiekol. Għal kemm il-jum wara t-tieġ il-għarusa ma titħalliex toħroġ mill-bieb 'il barra.

**Il-Miżżewġa** — Il-mara Għarbija meta tiżżewweġ tkun għal kollox u f'kollox ħwejjeġ ir-raġel, u jħaddimha u jsawwatha kemm irid u ħadd, anqas il-Pulizija, ma jista' jindaħallu. Għal hekk il-Għarab għandhom qawl fuq in-nisa miżżewġa; jgħidu li l-miżżewġa hija: "mara bil-lejl u ħmara bin-nhar". Il-mara jkollha tnaddaf id-dar, taħsel il-ħwejjeġ, tagħġen il-ftajjar u taħbiż-



**Nisa tat-Transġordanja, lebsin il-lbies oħxon tagħhom, juru lil-Franġiskan kif jagħżlu l-imgħażel.**

hom kull jum, iġġib l-ilma mill-għajn, li wisq drabi tkun bgħida ħafna. Tmur tiġbor il-ħatab għan-nar, u ġie li, għad li m'hux wisq drabi, ir-raġel jorbotha mal-ħmar u jaħrat biha. Jekk imorru minn raħal għal ieħor, ir-raġel jirkeb fuq il-ħmar u l-mara timxi, drabi b' tarbija fuq drieghha u xi sorra ħwejjeġ fuq rasha. Il-ħlas ta' dan kollu jkun il-ftit ikel li tiekol: xi ftira taddqiq tal-qaraboċċ, jew xi ftit għadds mgħolli, jew ful jew ħubbejża. Torqod fl-art, fuq biċċa ta' ħasira.

Ir-raġel huwa għajjur għall-aħħar għall-mara tiegħu, għal hekk ebda raġel barrani ma għandu qatt isellem jew ikellem lil mara tal-oħrajn, anqas biss jarfa' għajnejh u jħares lejha.

**It-Tkeċċija** — L-akbar ħsara li jista' jiġrilha l-mara hija jekk toħroġ ħawlija, jiġifieri ma jkollhiex tfal, għax fuq hekk aktarx li r-raġel ikeċċiha. Mara li ma tiledx hija maħsuba li jkollha fuqha s-saħta t'Alla. Jekk il-mara tara li hija ħawlija tibda tagħmel il-wegħdi lil qaddisin tal-Misilmin u tal-Insara. Tmur iżżur il-qabar ta' nies tajba, tixrob mill-ilma li jħallu warajhom il-għoġiela u tilbes il-ħwejjeġ ta' xi mara li tkun għadha kif wildet. U jkollha għal fejn tibża' tas-sew, għax imsejkna hi kemm ikollha tbati aktar minn qabel, jekk ir-raġel ikeċċiha.

Il-Misilmin jistgħu jiżżewġu u jżommu sa erba' nisa f'daqqa. Jistgħu ukoll ikeċċu lil min iridu u jiżżewġu oħrajn flokhom. Il-ħtijiet li għalihom ir-raġel jista' jkeċċi l-mara huma dawn: iż-żina tal-mara, jekk tinqabad ma' xi raġel ieħor, u għal dan jista' wkoll joqtolha; jekk igħaddu xi snin u ma tiledlux tfal; u jekk ikollha tnejn jew tlieta bniet wara xulxin. It-tkeċċija tal mara ssir bil-ħalla jew permess tax-Xiħ, li jagħmilha wkoll ta' Mħallef. Jekk ikollha t-tfal, is-subien jibqgħu mal-missier u l-bniet imorru ma' l-omm. Il-missier, jekk ikun irid il-bniet ukoll, jista' jeħodhom.

Il-mara l-imkeċċija tarġa' tmur għand niesha, u l-flus li jkun ħallas tagħha żewġha ma jerġgħux jirtaddulu. Niesha jagħmlu kemm jistgħu biex jerġgħu jżewġuha, sewwa biex jeħilsu minn xkielha, u sewwa biex jerġgħu jdaħħlu xi ħaġa tal-flus tagħha.

**Għeluq** — Kif rajna hawnhekk, ta' fuq-fuq, il-ħajja tal-mara Għarbija hi ħajja ta' hemm, ta' jasar u ta' tbatija. Ħajja ta' qadi lir-raġel, m'hux ta' sħubija miegħu. Il-mara tkun għar-raġel bħala bhima, li jkun xtara bil-flus jew partatha, biex jinqeda biha kif irid, u meta jixba' minnha jibgħatha 'l barra. Wara ħajja ta' xogħol iebes u tmaqdir, jekk tkun Misilma, anqas biss ma tista' tittama għal xi ħlas fid-dinja l-oħra, għax il-Misilmin igħidu li n-nisa huma bħal bhejjem, ma għandhomx ruħ. Għal hekk, kif igħidu huma, in-nisa ma jistgħux imorru l-ġenna. B'dan kollu n-nisa Għarab ma jġemgmux mill-qagħda msejkna tagħhom, u l-moħqrija jeħduha bħala ħaġa mil-lewn id-dinja. Jemmnu b'qalbhom kollha li dik hi l-ħajja tagħhom u ma tistax tkun xort'oħra. La darba Alla ħalaqhom nisa, tkun magħmula r-rieda tiegħu.

MACRINO

# IL-GĦASSIESA TA' L-IMKEJJEN IMQADDSA

Qrib is-sena 1336 is-Sultan u s-Sultana ta' Napli, Robertu d'Anjou u martu Sanċa t'Aragona, li t-tnejn ħasel kellhom ħuhom raheb Franġiskan, u kellhom it-titlu ta' Slaten ta' Ġerusalem, wara ħafna taħbit u ftehim, xtraw iċ-Ċenaklu u l-art ta' ma' dwaru minn għand is-Sultan ta' l-Eġittu, Nasr Muhammed, bi tnejn-u-tletin-elf dukat, li jġibu fuq l-erbatax-il-elf-u-disa' mitt lira Ingliża, u tawh lill-Franġiskani. U ma' dan qalgħulhom ukoll il-jedd li jieħdu ħsieb u jħarsu l-Imkejjen Imqaddsa ewlenin tal-Palestina. Għal dan, il-Papa Klement XVI faħħar wisq lil dawn iż-żewġ Slaten li kienu jidhru f'isem il-ġnus Kattolki ta' l-Ewropa, u ħareġ Bolla fil-21 ta' Novembru 1342, li tibda "Nuper charissimi", li biha saħħaħ il-jedd tal-Franġiskani min-naħa tiegħu u stqarrhom bħala ħarriesa tal-Art Imqaddsa f'isem is-Santa Sede. U Ruma, b'ħafna dokumenti li ħarġu u li għadhom joħorġu minn żmien għal

żmien, isseddaq u tħares, daqqa dak il-jedd u daqqa dak il-jedd l-ieħor li l-Franġiskani kisbu b'xogħol kbir u ċaħdiet dejjiema.

Biex wieħed jifhem xi ftit x'kellhom iġarrbu l-Franġiskani biex kisbu, żammew u ħarsu l-Imkejjen Imqaddsa minn dak iż-żmien 'l hawn, biżżejjed li jkun jaf li ħtija ta' hekk erbatax-il elf Franġiskan xerrdu demmhom, billi sfaw maqtula mill-Misilmin. U xi sitt elef oħra mietu bil-mard li jittieħed, meta kienu jkunu jduru bil-morda żmien il-pesta jew xi marda kerha oħra li tittieħed, fil-Palestina.



**Roberto d'Anjou, Sultan ta' Napli.**

Imma dana kollu ma kienx għal xejn, għax b'riħet hekk sewwa l-Insara ta' l-Ewropa u sewwa l-Misilmin tax-Xerq għarfu lil Franġiskani bħala għassiesa mistħoqqin tal-Art Imqaddsa. U l-Franġiskani nqdew b'dan iriħ tajjeb biex jistgħu jsemmgħu leħenhom kull darba li kien jeħtieġ għal ġid ta' l-imkejjen Imqaddsa, billi jfakkru lis-Slaten Torok fil-Firmani li tawhom is-Slaten ta' qabilhom, u lis-Slaten Ewropin fil-wegħdiet li għamlulhom. U b'pulitka fina ħallew lil Ġnus ta' l-Ewropa jindaħlu fit-tmexxija tal-Kustodja, biex b'hekk kull Ġens Ewropi jħoss li għandu d-dmir jaqbeż għaliha billi kellu sehem fil-ħakma tagħha.

Hekk, fit-tmexxija jew gvern tal-Kustodja, li qegħda f'idejn ġemgħa ta' Franġiskani li jgħidulhom "Diskretorju", qishom xi Parlament, il-Kustodju (istħajlu xi Prim Ministru), ikun dejjem Taljan; il-Vigarju (donnu Ministru tax-xogħol) ikun dejjem Franċiż, u l-Prokuratur (bħal Ministru tal-Finanzi) ikun dejjem Spanjol. Ma' dawn ikun hemm id-Diskreti, wieħed minn kull Ġens (istħajjilhom Membri tal-Parlament, wieħed minn kull Distrett) wieħed Taljan, ieħor Franċiż, ieħor Spanjol, ieħor Ġermaniż, ieħor Anglo-Amerikan u ieħor Għarbi.

Din ix-xorta Internazzjonali tattmexxija tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa qegħda tajjeb wisq ukoll biex ma tħallix li l-Komunità Franġiskana tal-Palestina tixxaqleb għan-naħa ta' xi wieħed mill-Ġnus ta' l-Ewropa, u titgħabba bil-pulitka tiegħu; ħaġa li kienet tkun xiekla wisq, kieku tiġri. L-ewwel: għax tagħti għajn ħażina lill-Insara Xiżmatki ta' hemm, u t-tieni għax biex tindaħal fil-pulitka tad-dinja, kien ikollha titbiegħed mill-pulitka l-oħra, tal-ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa u tas-saħħa ta' l-erwieħ.

Meta żmien is-Salibin kien għadda, il-Ġnus ta' l-Ewropa kellhom jisbru jaraw lit-Torok isiru sjied tal-Asja ż-Żgħira, u jaraw ukoll ix-Xiżma tal-Orjent tasal fi kmielha, bla tama li l-ħsara tissewwa. Fl-Ewropa din kienet

ġrajja ta' qsim il-qalb, l-aktar għal Ruma, imma kien dieher li minn dak iż-żmien 'il quddiem id-diplomazija biss kellha tkun it-triq biex ikunu mgħassin u mħarsin il-jeddijiet tal-Insara Latini fl-Art Imqaddsa. Id-diplomazija kienet tħoll u torbot jekk il-qagħda tat-



**Sanca t'Aragona, Sultana ta' Napli.**

tajfa Latina fl-Art Imqaddsa kellha sseħħ jew le, u l-Kustodja Franġiskana rat it-theddida li titlef il-jeddijiet li kellha fuq l-Imkejjen Imqaddsa li kienu mixtieqa u mirgħuba mix-Xiżmatki, kemm-il darba li d-diplomazija Ewropea kienet tonqos li tħarishom. La x-xogħol tar-Rħieb Franġiskani biss, anqas, saħansitra t-tixrid ta' demmhom ma kien biżżejjed. Kienu meħtieġa wkoll il-flus tal-Insara u l-għajnuna tal-Gvernijiet.

Franza, bis-saħħa tal-ftehim tal-Kummerċ mas-Sultan tat-Torok, l-ewwel fis-sena 1535 u mbagħad fis-sena 1740, meta t-taħwid ġewwieni li għaddew minnu s-Saltniet tal-Ewropa ħaddlu u għattbu x-xogħol tagħhom, sabet ruħha f'qagħda mill-aħjar. Il-Gvern tagħha sab li kienet pulitka tajba li jieħu ħsieb l-Art Imqaddsa. U minn hawn tnissel il-ħarsien uffiċjali ta' Franza fuq l-imkejjen Imqaddsa u fuq l-Insara tar-Rit Latin fix-Xerq. Lit-Turkija għoġobha li Franza tkun bħala ħarriesa tat-tajfa tal-Latini fil-Palestina u minn daqs hekk qatt ma kellha għal fejn jibdielha, għax aktar minn darba kellha xhieda, jiġifieri rat b' għajnejha r-rgulija tad - diplomazija Franċiża. Hekk ukoll is-Santa Sede ferħet bix-xogħol ta' Franza, li kienet magħrufa, u bil-ħaqq kollu, bħala Bint Kbira u Ewlenija tal-Knisja Kattolka. Is-Slaten l-oħra tal-Ewropa wkoll ma hdew qatt jieħdu ħsieb tal-Imkejjen Imqaddsa tal Palestina. Is-Slaten ta' Spanja; id-Doġijiet ta' Venezja; il-Prinċpijiet ta' Napli; il-Gran Mastri ta' Malta; is-Slaten tal-Polonja u tal-Ungerija u l-Imperatur ta' l-Awstrja: kollha taw xhieda tal-imħabba tagħhom lejn l-Art Imqaddsa b'għotjiet għonja u indaħil mal-Ħakma Torka kull meta l-Franġiskani kienu jeħtieġu l-għajnuna. Wara kollox il-ġnus Insara ħarġu sehemhom għat-tkattir u għat-titjib tal-Opra tat-Terra Santa, u hekk ħaffu x-xogħol tal-Franġiskani u għenuhom biex iġibu taħt idejhom Imkejjen Imqaddsa oħra li kienu f'idejn il-Misilmin, ħalli jistgħu jinżammu it-tifkiriet għeżież li kien fihom. U l-Franġiskani min-naħa tagħhom urew li kienu qalbiena u ta' ħila biex itemmu sewwa u kif jixraq ix-xogħol li nfdalhom.

Wieħed kittieb Franċiż, M. Gabriel Charmes, kiteb dan fil-ktieb tiegħu msemmi **Voyage en Palestine:** "Ħadd ma jista' jiċħad li x-xogħol tal-Fran-

ċiskani fil-Palestina ma hux xogħol kbir ta' qlubija, ta' ċaħda u ta' tjieba. Huma xerrdu demmhom bil-ħala u flushom bir-rfus għal Qabar ta' Kristu. Xtraw bihom dawk il-jeddijiet li bissaħħa tagħhom trawwmu fl-Art Imqaddsa. Raw ukoll bosta drabi, jisterqulhom dawk il-jeddijiet li xtrawhom hekk bil-għoli, li ttieħdu minnhom bla ħaqq u bl-akbar ħruxija. Biex iħarsu dawk il-jeddijiet ebda hemm ma beżżagħhom. Mietu minnhom bil-mijiet hemm fejn miet Ġesù; uħud fil-ħabs oħrajn bis-sejf tat-Torok. Imma waqt li dawk imutu, Franġiskani oħra jaslu biex jidħlu bdielhom u hekk it-Tajfa Franġiskana li titlef min-naħa kienet tirbħu mill-oħra. U għal hekk baqgħet dejjem u għadha, qawwija sħiħa".

D. Ġużepp Cauchi

(Kappillan ta' S. Bastjan)

---

# L-IMĦATRA FUQ IL-BIBBJA

Fis-snin 1948 u 1949 il-Lhud ħabtu għall-Għarab u ħadulhom l-aħjar u l-akbar biċċa tal-Palestina. Hekk il-Lhud reġgħu kisbu l-art li kellhom darba u saru ġens għalihom, jaħkmu lilhom infushom, ma jkollhom fuqhom lil ħadd. Biex ifakkru dil-ġrajja sabieħa, għalihom, il-Lhud fil-Palestina għamlu festi kbar, li bdew minn April tas-sena l-oħra, 1958, u sa jibqgħu sejrin sa Mejju ta' din is-sena.

Billi l-aqwa ħaġa li għandhom il-Lhud, li żammithom magħqudin f' għaqda waħda, hija l-Bibbja (jiġifieri l-Kotba Mqaddsa, għaliehom, tal-Għaqda l-Qadima), għamlu bħal imħatra lill-kull min irid, fid-dinja kollha, ta' min jaf l-aktar il-Kotba Mqaddsa. L-imħatra kellha ssir l-ewwel kull ħadd f'pajjiżu; imbagħad kull rebbieħ tal-pajjiż, imur itemm l-imħatra fil-Palestina, jew kif semmewha issa Iżrael, ma' dawk li rebħuha pajjiżhom. Il-laqgħa ta' dawk li rebħuha f'pajjiżhom saret Ġerusalem fid-19 t'Awissu li għadda.

Billi Malta hija pajjiż Nisrani, u billi l-Insara jemmnu bil-Kotba Mqaddsa daqs kemm jemmnu l-Lhud, kien jixraq li Malta wkoll tieħu sehem f'din l-imħatra. Meta tnediet fil-gazzetti u fuq ir-Rediffusion hawn Malta daħlu għaliha erbgħin min-nies; dawk li deħru tajbin kienu ħmistax: disa' rġiel u sitt nisa. U fl-aħħar għażla għadda s-sur Pawlu Guillaumier, żagħżugħ ta' dsatax-il sena. Dan iż-żagħżugħ mar Iżrael mal-Professur P. Serafin M. Zarb O.P., li kien mibgħut mir-Rediffusion ta' Malta.

F'Ġerusalem, lil dawk in-nies li ħadu sehem f'din l-imħatra, il-Lhud qegħduhom f'lukanda jisimha King's Hotel, waħda mill-aħjar tal-Palestina. Il-lukanda kienet imżejna bil-bandieri ta' dawk il-pajjiżi li xi nies minnhom ħadu sehem fl-imħatra; fosthom il-bandiera ta' Malta. L-Imħallfin tal-imħatra kienu erba': tnejn Lhud u tnejn Insara. L-Insara kienu wieħed Protestant, ir-Rev. R. L. Lindsay u wieħed Kattolku, Patri R. North S.J. Il-Lhud kienu Dr. Ben-Jehuda u Mr. Eliner. Rajjes tagħhom kien Dr. S. Cheshin, Lhudi wkoll.

Lil kull wieħed mill-ħmistax li rebħu l-imħatra f'pajjiżhom ingħatat tifkira: vażett qadim misjub fl-oqbra jew f'xi taħfir ieħor f'Iżrael. Dan kien imqiegħed f'kaxxa tal-għuda taż-żebbuġ, bil-kitba fuqha li tgħid ta' hiex huwa tifki-

ra. Lit-tlieta li rebħu l-imħatra f'Iżrael, barra dan, tawhom ukoll għotjiet oħra: lill-ewwel wieħed: vażett tażżġieġ, qadim, jiswa xi elfejn lira; littieni: biċċa flus tal-fidda Lhudija, li biha fil-qedem, kien jitħallas il-ħaraġ tattempju. Lit-tielet: biċċa flus tad-deheb ġdida, għamluha l-Lhud għal bilgħan, tifkira tal-Għaxar Sena minn meta rebħu l-Palestina.

BEN-JAMIN.



ĠERUSALEM. — Fin-nofs tar-ritratt, liebes ta' qassis: il-Professur Patri Serafin M. Zarb, O.P. Fix-xellug, bin-nuċċali: il-President tar-Republika ta' Iżrael, Ben Zvi. Bejn il-President u l-Professur Zarb: Dr. Azoulay, Lhudi Franċiż. Ix-xebba: Sinjurina Lawra Cerutti u ommha warajha, bil-basket fi driegħha. Is-Sinjurina Cerutti marret ukoll Ġerusalem għall-imħatra tal-Bibbja.

## QWIEL TAL-PALESTINA

Għadâwat il-qarib, u la bewsat il-għarib. *Aħjar għadu qarib tiegħek, inkella ħabib li ma tafx min hu.* Bil-Malti ngħidu: Id-demm ma jsirx semm. Il-ġewwieni, jagħmillek x'jagħmillek, f'qigħ qalbu dejjem ikollu x-xewqa moħbija li jarak fil-ġid.

# TIBDIL IL-GĦASSA
# PIJU XII U ĠWANNI XXIII

Fiż-żmien li aħna fih, mill-akbar bniedem sa l-iżgħar, hawn Malta, jafu bil-mewt tal-Papa Piju XII u bil-ħatra warajh ta' Ġwanni XXIII, għax dan inkiteb fit-tul fil-gazzetti ta' Malta u ta' barra, instama' fuq ir-radju u deher fuq il-Lwieħ Tal-Wiri, jew Television, u għal żmien twil kulħadd kien jitkellem fuq dan. Għalhekk sa niktbu dawn il-kelmtejn mhux wisq għall-Maltin tal-lum, imma aktar għall-Maltin li għad iridu jiġu. Għax in-nies ta' issa għad imutu; u gazzetta n-nies iqattgħuha u jarmuha, imma ktejjeb, bħal dan tagħna, jerfgħuh ma' l-oħrajn u jorbtuhom flimkien, u hekk idum ħaj mijiet ta' snin.

Il-Knisja Kattolika, minn żmien San Pietru 'l hawn, kellha dejjem u għandha issa, Għassies, fuq il-għassiesa l-oħra kollha tad-Djiena Nisranija. Dan il-Għassies għad għandu l-isem ewlieni, bis-Sirjak: BABA, li jiġifiieri **missier,** li mbagħad fl-ilsna ta' l-Ewropa tbiddel u sar PAPA. Kif imut wieħed minn dawn il-Għassiesa, jilħaq ieħor, għax il-Knisja Kattolika ma tistax toqgħod mingħajr għassies, li jħares it-Twemmin ta' l-Insara, għax il-għemil ta' kull xirka ta' bnedmin jimxi fuq dak li jemmnu l-imxerkin fiha.

L-aħħar Papa li miet, Piju XII, minna l-Maltin ta' daż-żmien, idum ma jintesa. Ma jintesiex, għax dam Papa għadd ġmielu ta' snin; għax konna naqraw fuqu dali; għax kien raġel ta' studju kbir u f'kollox kien jifhem; għax għamel Domma tal-Fidi t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, li hu l-akbar festa ta' Malta; għax irriforma s-sawma tat-Tqarbin, u għal wisq ġrajjiet oħra, waħda minnhom hi li darba xxabbat minn fuq is-siġġu fejn kien merfugħ u għannaq u bies b'imħabba l-bandiera Maltija.



**Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, ftit jiem qabel ma miet.**

U kif sa jkun il-Papa Ġwanni XXIII li għadu kemm laħaq? Milli jidher, u kif minn issa qiegħed jingħad, sa jkun it-tieni għamla tal-qaddis Papa Piju X. Bħalu bin il-faqar; bħalu ma jafx x'inhi kburija (ara kemm li n-nies tar-raħal tiegħu fejn baqa' jmur jgħaddi xi jumejn btala fiż-żmien li kien Patrijarka, baqgħu jsejħulu "Dun Anġ", u t-tfal jgħajtulu "ziju"); bħal Piju X jiċċaħħad hu biex igħin lil oħrajn. U nittamaw li bħal ma ngħidu l-lum **San** Piju X, in-nies ta' warajna għad igħidu **San** Ġwanni XXIII.

Mela, huwa dmir tagħna l-Maltin tal-lum li nitolbu għall-Papa Ġwanni XXIII, jew aħjar, nitolbu **għall-Papa.** Il-ħajja ta' Papa ma hix bans, xi ħajja ta' mistrieħ. Hija ħajja ta' xogħol



**Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII, ftit jiem wara li nħatar.**
(Ritratt misluf lilna mill-"Information Office")

u taħbil il-moħħ, bi nhar u bil-lejl, u għat-titmim tagħha meħtieġa għerf u saħħa. Nitolbu mela 'l Alla li jagħti lill-Papa għerf u saħħa, biex bħal ma San Pietru kien idir id-dgħajsa bis-sliema qalb il-mewġ tal-Baħar ta' Tabarija, hekk Ġwanni XXIII idir il-Knisja Kattolika bis-sliema qalb it-taqlib tad-dinja ta' daż-żmien. Il-Knisja hija s-Saltna t'Alla fid-dinja; u billi fid-dinja għandu qawwa kbira x-xitan, l-għadu t'Alla, il-Knisja għandha issa u kellha minn dejjem it-taħbit. Għalhekk nitolbu għall-Papa biex Alla jgħinu, u ngħixu ta' Nsara sewwa biex kemm nistgħu nħaffulu minn dak it-toqol kbir.

Kif deher mir-reġistru tal-Franġiskani ta' Ġerusalem, il-Papa Ġanni XXIII, żar il-Palestina meta kien għadu Kanonku, fis-sena 1906. Mar hemm f'Settembru ta' dik is-sena mal-Isqof ta' Bergamo, Mons. Radini-Tedeschi, u damu hemm xahrejn. Sa fejn hu magħruf dan il-Papa hu l-ewwel wieħed li żar l-Art Imqaddsa minn mijiet ta' snin 'il hawn.

FRA PIN, O.F.M.

# GĦID IŻ-ŻEBBUĠ F'ĠERUSALEM

Bħal m'hu miktub fl-Evanġelji, sidna Ġesù Kristu, il-Ħadd fil-għodu ta' qabel mewtu, telaq mill-belt ta' Ġeriko u tala' Ġerusalem ma' għadd kbir ta' Galilin. Minn Ġeriko sa Ġerusalem hemm bgħid għoxrin mil; jekk telqu fis-sitta u mxew erbat imjiel fis-siegħa, waslu qrib Ġerusalem qishom għal xi l-ħdax.

Qabel ma wasal Ġerusalem Ġesù waqaf naqra u bagħat tnejn mill-ixirka tielibin; inqatgħet mill-ġdid fi żmien it-Torok, imma ħamsa u għoxrin sena ilu (fl-1933) il-Franġiskani reġgħu bdewha, u nittamaw li issa ma tinqatax.

* * *

Din it-tifkira tkun għamla ta' purċissjoni, jew bil-Malti, ġilwa. Tibda minn fejn kien ir-raħal ta' Betfaġ, fejn il-Franġiskani għandhom knisja żgħira u ġnien kbir fuq l-imkien sewwa fejn Ġesù rikeb il-moħor. Daż-żmien ma tgħad



**Il-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, minn Betfage għal Ġerusalem.**

għu jġibulu ħmar. Rikeb fuqu, u l-Galilin għamlulu bħal għors, u daħħluh Ġerusalem bil-briju, jaqbżu u jiġru madwaru u jgħajtu għajjat ta' ferħ.

F'kull żmien li l-Insara kellhom ftit jew wisq il-wesgħa f'Ġerusalem, din id-daħla kienet kull sena tkun imfakkra. Hemm kitba sabiħa ta' waħda mara tajba jisimha Eterja, ta' kif kienet issir din id-daħla saħansitra għal ħabta tas-sena w.K.390.

Fi żmien il-Għarab din it-tifkira nqatgħet, imma reġgħet bdiet fi żmien is-Sadix mill-wetgħa taż-Żejtun ta' Ġerusalem, kif għadda Ġesù dik id-darba (għax inkella jkollhom jinżlu min-niżla wieqfa-wieqfa, kollha ħotob u taħfir), imma minn triq oħra, ftit itwal u aħjar. Tiġi wara l-Ġetsemni, tinżel fil-wied ta' Ġosafat, tgħaddi minn quddiem il-Qabar tal-Madonna, titla' għal-bieb ta' Ġerusalem li jgħidulu Bab Sitti Mirjam, u ftit 'l hemm mill-bieb, tidħol fi knisja kbira u qadima, jgħidulha s-Salaħija, li jagħmlu minnha r-Rħieb il-Bojod tal-Kardinal Levigerie, u tieqaf hemm.

Billi kif inhu miktub ukoll fl-Evanġelju fid-daħla ta' Ġesù l-aktar li għajtu u għamlu briju kienu s-subien Għebranin (kif għadu wkoll imfakkar fil-għana bil-Latin tal-Knisja: "Pueri Hebraeorum, portantes ramos olivarum, clamantes et dicentes: Hosanna Filio David!) il-Franġiskani għal din il-ġilwa aħħar jiġi l-Patrijarka ta' Ġerusalem, bil- kbarat ma' dwaru, kif jixraq u kif imur. Kotra minn dawn ta' l-aħar ikollhom il-palma f'idejhom, jew xi fergħa taż-żejtun.

Biex jaraw dil-ġilwa sabiħa jmorru għadd kbir ta' nies, Insara u Misilmin, u joqogħdu fuq il-ħitan tal-għelieqi, fuq



Il-bqija tal-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, minn Betfage għal Ġerusalem.

jġibu lis-subien Insara qishom kollha ta' Ġerusalem; fiha jimxu l-ewwel il-Boy Scouts, il-Kavalieri ż-Żgħar tal-Qabar ta' Kristu (lebsin mant abjad b' salib aħmar, kbir, fuq ix-xellug ta' sidirhom) u warajhom it-tfal tal-iskejjel — Franġiskani, Freres, Salesjani u dan. Imbagħad Raħbiet ta' kemm-il xorta, u Rhieb u qassisin issemmix kemm. Fl-iż-żewġ naħat tat-triq, bħal ma jagħmlu hawn Malta, biex jaraw it-tiġrija ta' nhar l-Imnarja. Dari kienu jmorru wkoll Lhud m'hux bi ftit, imma issa ma jħalluhomx jidħlu dik in-naħa. U hekk isir Għid iż-Żebbuġ f'Ġerusalem.

FRA ĠAKKIN

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Sadiq li biddek tabqih, la taħod minnu, u la tatih. Ifisser: *Ħabib li trid tibqa' ħabib miegħu (żmien twil), la tieħu xejn minn għandu, anqas tatih xejn.* Għax inkella l-ħbeberija ssir interess, u fl-aħħar ikollkom xi tgħidu.

Sadiq li ma jsorr, mitel għadu li ma jdorr. *Ħabib li ma jferrħekx, bħal għadu li ma jgħallikx.* Mela, bih u mingħajru xorta waħda.

Darba is-sadiq żbib, u ħaġrâtu rummân. Ifisser: *Id-daqqiet tal-ħabib (istħajjilhom ħelwin) bħaż-żbib, u l-ġebel (li jitfagħlek) tajbin daqs ir-rummien.* Għax li jagħmel ikun jagħmlu għall-ġid tiegħek.

# AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-"Vatikan" tal-Lhud.** — Fin-nofs sewwa ta' Ġerusalem il-Ġdida, il-Lhud bnew biċċa bini kbira, li billi hi ċ-"ċentru" tad-Djiena Lhudija, bħal ma l-Vatikan hu ċ-"ċentru" tad-Djiena Kattolika", in-nies qegħdin isemmuha l-Vatikan tal-Lhud. Il-bini magħmul minn ħames sulari u fih jgħammru ż-żewġ Papiet tal-Lhud, jiġifieri: ir-Rabbi l-Kbir tal-Lhud Sefardim u r-Rabbi l-Kbir tal-Lhud Azkenazim. Fih jinsabu l-Qrati tal-Knisja Lhudija, bibljoteka kbira, Mużew, sala għall-konferenzi u Sinagoga. Il-bini sewa miljun u nofs dollari, li sehem kbir minnhom ħariġhom wieħed Lhudi Ingliż, jismu Isaak Wolfson. Dan il-"Vatikan" Lhudi kien imżanżan ilu ftit.

**Is-Sena Sebtija.** — Kif hemm miktub fil-Liġi tal-Lhud (Ktieb il-Ħruġ XXIII, 10-11; Lev. XXV, 3-6), kull seba' snin għandhom jgħaddu sena bla ma jaħdmu r-raba', imma jiġbru biss dak li jitla' waħdu fl-għelieqi u l-frott li jaħmlu s-siġar bla żbir u bla tidkir. Issa li qorbot is-Sena Sebtija, ir-Rabbin il-Kbar Lhud sa jħallu lill-bdiewa jaħdmu r-raba', imma bix-xart li jbiegħu r-raba' tagħhom għal **sena waħda biss** lil raġel li ma hux Lhudi, u mbagħad huma jmorru jaħdmu miegħu u jiġbru l-għalel bħal kieku ħlas ta' xogħolhom. It-taqsima tal-bdiewa li jgħidulhom Paolim Agudat ma jridux jaħdmu fir-raba', għalkemm ħallewhom ir-Rabbin.

**Żjajjar lil Ġerusalem.** — Għalkemm il-qagħda tal-Art Imqaddsa bħal issa xejn ma hi f'sikkitha, b'dana kollu waslu fiha għadd kbir sewwa ta' Pellegrini jew żawwarin. Żewġ ġemgħat ta' nies marru jżuru Ġerusalemm mill-Ingilterra, ġemgħa mill-Ġermanja, oħra mill-Brasil, oħra minn Ċipru, mill-Olanda, mill-Messiku, mill-Kolumbja, mill-Kanada u mill-Italja. Din is-sena wkoll ma naqsetx li żżur il-Ġerusalem il-ġemgħa tax-Xirka ta' l-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma, li kienet magħmula minn 30 qassis ta' kemm il-ġens Ewropi. Kienu mmexxijin mill-wisq magħruf Ġeżwita Patri North, li hu direttur tal-Istitut Bibliku li għandhom il-Ġeżwiti f'Ġerusalemm.

**Patrijarka ġdid Qopti-Kattoliku** — Wara l-mewt tal-Beatitudni Tiegħu Mons. Morqos II, Patrijarka tal-Koptin Katolki ta' Lixandra, l-Isqfijiet inġabru biex jagħżlu Patrijarka ieħor. L-akbar għadd ta' voti mess lil Mons. Sidaruss, imma billi ma kellux maġġoranza sħiħa, u kif titlob il-Knisja tagħhom, ma setgħux jagħmlu votazzjoni oħra, l-Isqfijiet ħallew f'idejn il-Papa, jieħu ħsieb hu. Il-Qdusija Tiegħu għoġbu li jgħolli lil Mons. Sidaruss bħala Patrijarka Qopti-Kattolku ta' Lixandra. L-imsemmi Monsinjur magħruf bħala raġel ta' għerf kbir u ħeġġa sħiħa għal ġid ta' l-erwieħ, u kull ħadd qiegħed jistenna minnu xogħol kbir għal ġid tal-Knisja Qopti-Kattolka tal-Eġittu.

**Għadd in-nies fil-Ġordanja** — Kif jidher mill-aħħar għadd tan-nies li sar fil-Ġordanja, jiġifieri t-taqsima Għarbija tal-Palestina, l-art kollha fiha 1,538,028 ruħ, li minnhom 785,150 huma rġiel u subien, u 752, 878 nisa u bniet. L-aktar li hemm nies hu fil-belt ta' Nablus u r-rħula li jagħmlu magħha, li fihom b'kollox 363,471 ruħ. Warajha jiġu: Ġerusalemm, 342,678; Għaġlun, 249,997; Għamman, 231,033; Hebrun, 145,088; il-Belqa, 106,190, u Magħan, 31,330.

**Il-Qabar ta' Kristu** — Wara ħafna

ftehim bejn il-Franġiskani, il-Griegi u l-Armeni u l-Ħakma tal-Ġurdan, f'nofs Ottubru li għadda nbeda x-xogħol tat-tiswija tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. In-nefqa se tinqasam bejn it-tliet xorta ta' Riti daqs l-insew.

**In-nisa nsara ta' rġiel Lhud** — Il-gazzetta tal-Partit Soċjalista Lhudi qabżet għan-nisa Nsara li marru l-Palestina ma' żwieġhom u qalet li dawk il-Lhud li qegħdin jagħfsu lil dawn in-nisa biex jibdlu dinhom, m'huma xejn patrijottki bħal ma jaħsbu huma, għax b'hekk deni kbir, mhux ġid qegħdin jagħmlu lil pajjiż. U wieħed mir-Rjus il-kbar tal-Aġenzija Lhudija, Max Ziegel, li għandu fi ħsiebu d-dħul ta' Lhud ġodda għamel konferenza lil edituri tal-gazzetti fejn wissihom li għandhom juru qima lejn in-nisa Nsara li wrew qlubija kbira u mħabba lejn żwieġhom li ma rawhiex bi tqila li jmorru f'Israel, qalb nies barranin f'kollox, biex ma jinfirdux minnhom.

**Tkeċċija ta' Isqof Armen** — Il-qassisin Armeni-Xiżmatki kellhom taħwida bejniethom ħtija tal-għażla tal-Patrijarka l-ġdid, Monsinjur Nersonjan. Din it-tħwida ntemmet f'daqqa, tal-anqas għal issa. Billi l-għażla tiegħu ma kenitx imwettqa mill-Ħakma Ġordanija, kif kien sejjer jagħmel ħafla fil-Knisja tal-Qabar tal-Madonna, il-Pulizija qabduh, rikkbuh ajruplan u bagħtuh lejn Libnan.

**Malta: il-''Qari'' tagħna fil-Ġermanja** — L-Istitut tal-Foreign Relations tal-Ġermanja (Institut fur Auslandsbeziehungen) li jinsab fi Stuttgart, 17, Charlottenplatz, li għandhom Bibljoteka kbira, kitbulna fil-21 ta' Novembru 1958, bagħtu jitolbuna nibgħatulhom il-għadd 1 u 3 ta' dan il-Qari ''Leħen l-Art Imqaddsa'', li huma kellhom neqsin, u qalulna li qiegħed jogħġobhom ħafna. Aħna nifirħu li mill-għorrief barranin, dil-ħabta, mal-Lhudi, il-Għarbi u s-Sirjak, qiegħed jiġi studjat il-Malti wkoll. Dak il-lsien li xi labla-ba ta' Malta jgħidu li ma jiswa għal xejn, il-għorrief tal-Ġermanja, isibuh jiswa għal xi ħaġa!

**Nuqqas ta' Postulanti Maltin** — Sa qabel l-aħħar gwerra, fil-Kulleġġ tat-Terra Santa, dejjem kien ikun hemm xi żewġt itfal jew tlieta Maltin jitgħallmu biex isiru Patrijiet tal-Qabar ta' Kristu, imma mill-gwerra 'l hawn ma hemm l-ebda wieħed. Nixtiequ ngħarrfu li min jaqra li fil-Palestina l-Patrijiet Maltin jiswew aktar minn wisq oħrajn, billi jitgħallmu tajjeb u aħjar il-lingwa Għarbija ta' dak il-pajjiż, li qisha Malti, u fl-istess ħin għandhom il-karattru tagħhom ta' Ewropej. Għal dan kien hemm saħansitra żewġ Kustodi Maltin. Nitolbu mela, li jekk xi tifel fil-familja juri xewqa li jidħol Patri Franġiskan tal-Qabar ta' Kristu, min ikun fi ħsiebu, jgħarraf lil Patri Kummissarju tat-Terra Santa, biex jara jibgħatux hemm, ħalli ma tinqatax it-tradizzjoni Maltija l-qadima.

**Lill-Imseħbin** — Nitolbu u navżaw lil qarrejja tagħna li jekk xi għadd ta' dan il-qari ma jaslilhomx, igħaddu għalih il-Kunvent ta' Ġieżu, jew aħjar jiktbu lil Patri Kummissarju, biex jibgħatulhom bil-posta.

†

# REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

ZEJTUN: Margherita Galea, Giovanni Farrugia, Romeo Seychell, Caterina Seychell, Caterina Fenech, Giuseppe Fenech, Stella Bonnici, Francesco Bonnici, Caterina Camilleri, Giuseppe Camilleri, Maria Assunta Callus, Maria Callus, Ester Dalmas, Teresa De Gabriele, Vincenzo De Gabriele, Concetta De Gabriele, Vincenzo De Gabriele, Vera Caruana, Nazju Caruana, Carmela Fsadni, Pietro Fsadni, Carmela Fsadni, Rosa Tabone, Pietro Tabone, Fidele Tabone, Emmanuele Farrugia.

SANTA VENNERA: Francesca Borg Maria Borg, Maria Briffa, Giuseppe Briffa, Elena Borg, Vittoria Mifsud, Salvatore Mifsud, Antonio Mifsud, Maria Muscat, Carmelo Muscat, Caterina Micallef, Giuseppe Micallef, Lonza Borg Alfonso Borg, Anna Borg, Caterina Mercieca, Francesco Mercieca, Antonio Mercieca, Giuseppe Mercieca, Rosina Mercieca, Erminia Cristiano, Michele Grech, Maria Galea, Giuseppe Galea, Giammaria Micallef, Carmelo Micallef, Maria Micallef.

SAN GIRGOR, SLIEMA: Dolores Saliba, Maria Antonia Cini, Paolo Aquilina, Carmela Mallia, Giovanni Grech, Giulia Grech, Carmelo Guillaimier, Ewgenio Guillaimier, Francesco Guillaimier, Manwel Pace Balzan,, Giuseppe Borg, Carmela Said, Carmelo Falzon, Antonia Falzon, Pawlu Aquilina, Erminia Said, Caterina Aquilina.

KALKARA: Elena Bruno, Paolo Attard, Salvatore Said, George Said, Carmela Agius, Filomena Said, Joseph Cachia, Grezju Ellul, Carmela Ellul, Salvatore Gauci, Concetta Gauci, Alfred Camilleri, Marianna Micallef.

GŻIRA: George Magro, Maria Magro, Salvatore Buttigieg, Dolores Vidal, Rosina Borg, Carmelo Azzopardi, Carmela Azzopardi, Carmela Galea, Joseph Xerri, Arturo Parlato, Charles Parlato, Goffredo Bonnici, Caterina Sapiano, Carmelo Sapiano, Saveria Ciantar, Giuseppe Ciantar, Francesca Borg, Maria Zammit, Francesco Zammit, Giuseppe Zammit, Rosario Zammit..

MARSA: Carmelo Calleja, Giuseppe Bugeja, Fortunato Bugeja, Giorgio Bugeja, Leli Bugeja, Andrea Bugeja, Concetta Bugeja, Suor Ursola Bugeja, Emmanuele Galdes, Nazzarena Galdes, Giuseppe Galdes, Lorenza Dyer, Sapienza Calleja, Giorgio Saliba, Lonza Fenech, Carmelo Galdes, Francesca Galdes, Carmela Muscat, Carlo Scicluna, Rosaria Spiteri, Lucrezio Spiteri, Nata Scicluna, Giuseppe Scicluna, Rosario Sciberras, Maria Sciberras, Salvatore Azzopardi, Giovanna Azzopardi, Giuseppe Azzopardi, Giuseppa Azzopardi, Carmelo Azzopardi, Maria Assunta Azzopardi, Emmanuele Vella, Vincenzo Vella, Carmelo Bartolo, Giuseppa Bartolo, Rosanna Vassallo, Emmanuele Vassallo, Giuseppa Vassallo, Giuseppe Caruana, Giuseppe Camilleri, Giuseppe Gatt, Raffaele Gauci, Giovanna Gauci, Pietro Mallia, Caterina Mallia, Giuseppa Baldacchino, Emmanuele Grima, Maria Grima, Francesco Grima, Maria Cauchi, Spiridione Cauchi, Pawlu Zarb.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**